NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 119

Lulju - Settembru 2025

## Merħba Qaddis Missier - Papa Ljun XIV




Il-jum tat-8 ta' Mejju 2025 jibqa' mfakkar mill-Kattoliċi kollha madwar id-dinja għall-ħatra tal-Kardinal Robert Francis Prevost bħala l-Papa l-ġdid. Ta' disgħa u sittin sena, il-Papa Ljun XIV, huwa l-Prefett attwali tad-Dekasteru tal-Isfqijiet kif ukoll il-President tal-Kummissjoni Pontifikali għall-Amerika Latina. Il-Kardinal Prevost huwa l-ewwel Amerikan, u l-ewwel Agostinjan, li nħatar bħala Kap Suprem tal-Knisja Kattolika.

F'din l-edizzjoni...



2

**Merħba lill-President il-ġdid tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
*Dr. Anthony De Giovanni*

# Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-snin 2025-2027

Wara l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li saret fl-14 ta' Marzu 2025, il-Kunsill il-Ġdid żamm l-ewwel laqgħa tiegħu għal Ħatra tal-Uffiċjali fuq il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-Snin 2025-2027, nhar l-Erbgħa, 26 ta' Marzu 2025.
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-Snin 2025-2027, huwa ffurmat hekk:

| | |
|---|---|
| **PRESIDENT** | **- Dott. Anthony De Giovanni** |
| **VIĊI PRESIDENT** | **- Is-Sur Peter Paul Bonnici** |
| **SEGRETARJU** | **- Is-Sur Raymond Cardona** |
| **ASST. SEGRETARJU u SEGRETARJU INTERNAZZJONALI** | **- Is-Sur Emanuel Deguara** |
| **TEŻORIER** | **- Is-Sur Godwin C. Micallef** |
| **ASST. TEŻORIER** | **- Is-Sur Andrè Vassallo Grant** |
| **UFFIĊJAL GĦAR-RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI** | **- Is-Sinjura Mary Mangion** |
| **ASST. U.R.P.** | **- Is-Sinjura Mary Farrugia** |
| **MEMBRI** | **- Is-Sur Saviour Attard** |
| | **- Is-Sinjura Louise Azzopardi** |
| | **- Is-Sur Lino Debono** |
| | **- Is-Sur Anthony Grech** |
| | **- Is-Sur Emanuel Grima** |
| | **- Is-Sur Alfred Mallia** |
| | **- Is-Sur Paul Muscat** |
| **EDITUR – 'L-ANZJANI LLUM'** | **- Is-Sur Vincent Piccinino** |
| **RESPONSABBLI MILL- I.T.** | **- Is-Sur Josiah Grech** |



## Awguri lil Dr. Anthony De Giovanni li nħatar President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-Snin 2025-2027

**Profil – Anthony De Giovanni - President tal-KNA**
Anthony De Giovanni twieled ir-Raħal il-Ġdid, fejn fi tfulijtu attenda l-iskola primarja tal-lokal, u wara fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi u l-Liċeo. Huwa sar għalliem wara kors fil-pedagoġija fil-Kulleġġ ta' San Mikiel. Huwa segwa l-studji fl-arti viżiva fl-iskola tal-Arti u fid-disinn grafiku f'Eastbourne College of Art fir-Renju Unit, filwaqt li ggradwa fil-baċellerat fl-istorja tal-Arti u l-Arkitettura mill-Università ta' Londra. Huwa ħadem f'diversi branki tal-arti u disinn: fost l-oħrajn iddisinja tliet settijiet bolol, erba' padiljuni nazzjonali f'fieri internazzjonali, diversi xenarji għal *rock operas* u *festivals* tal-Kanzunetta u pitter il-murali tal-Kappella tal-Paċi f'Ħal-Far.
Wara karriera twila ta' tagħlim u amministrazzjoni edukattiva, serva bħala Direttur tal-Edukazzjoni għall-Edukazzjoni Ogħla u Tagħlim tal-Adulti. Kompla jistudja wara li rtira u ggradwa fl-istudji legali, meta ngħaqad fil-professjoni ta' Avukat meta kellu 69 sena.
Anthony kien elett l-ewwel Sindku tal-Fgura fl-1993, u serva għal tliet mandati u kien ukoll membru tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa.
Barra mill-ħatra ta' President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, huwa wkoll membru tal-Kunsill Konsultattiv tal-Kummissarju għall-Anzjani f'Malta, President tal-Veterani Laburisti u tal-*European Senior Organisation* (PES) kif ukoll Viċi President tal-*AGE Platform Europe*.

## Ringrazzjament



Il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, minn qalbhom, jixtiequ juru l-apprezzament tagħhom u jirringrazzjaw lis-Sur Peter Paul Bonnici, tal-għajnuna u x-xogħol fejjiedi li dejjem għamel matul is-snin li dam bħala Segretarju Internazzjonali u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi mill-2017 sa 2019, bħala Viċi President mill-2019 sa 2021 u għal erba' snin sħaħ bħala President 2021 sa 2025. F'dan l-aħħar perjodu ta' snin kien u għadu membru fil-Kunsill konsultatti tal-Kummissarju għall-Anzjani f'Malta, kif ukoll rappreżentant fl-MCESD fejn jattendi l-laqgħat ukoll ta' *Civil Society Committee*.
Għaldaqstant nixtiequlek kull ġid u saħħa u nawgurawlek kull suċċess fit-tkomplija ta' xogħol tiegħek fil-Kunsill issa bħala Viċi President tal-KNA.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion
u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony De Giovanni

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju u Segretarju Internazzjonali:**
Emanuel Deguara

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Andrè Vassallo Grant

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Mary Farrugia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Anthony Gatt
Emanuel Grima
Alfred Mallia
Paul Muscat

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## EDITORJAL



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Kif jaf kulħadd, fl-aħħar ġranet tiegħu fuq din id-dinja, il-Papa Franġisku kien rikoverat l-isptar. Hemmhekk, huwa baqa' jagħmel għadd ta' riflessjonijiet u lanqas it-tbatija fiżika ma żammitu milli jkompli jgħallimna sal-aħħar. Kien fadallu jagħtina l-aħħar kapolavur kbir; it-testment tiegħu lill-umanità kollha; fi kliem veru sempliċi imma, fl-istess waqt, bi ħsibijiet tassew profondi. Infatti, qabel ħalliena, dan il-qaddis ferrieħi imma għaref qalilna hekk:



"Il-ħitan tal-isptarijiet jisimgħu iktar talb ġenwin minn dawk tal-knejjes u jaraw iktar bews sinċier minn dawk tal-ajruporti. Huwa fl-isptarijiet fejn tara bniedem omofobiku jiġi salvat minn tabib *gay*, jew kirurgu sinjurun isalva l-ħajja ta' wieħed fqajjar. Fit-Taqsima tal-Kura Intensiva, tiltaqa' ma' Lhudi jieħu ħsieb razzist; ma' uffiċjal tal-pulizija u ħabsi jaqsmu l-istess kamra u jirċievu l-istess trattament jew ma' pazjent multimiljunarju li għandu bżonn trapjant tal-fwied lest jirċevih mingħand tallab.
Huwa f'mumenti bħal dawn, meta l-isptarijiet imissu l-ġrieħi tan-nies, li dinjiet differenti jiltaqgħu skont pjan divin. U, f'din il-kommunità ta' destini, nirrealizzaw li, waħedna, m'aħna xejn. Ħafna drabi, il-verità assoluta tan-nies timmanifesta ruħha f'mumenti ta' wġigħ, jew f'mument ta' theddida reali ta' xi telfa irrevokabbli. L-isptar huwa l-post fejn il-bnedmin ineħħu l-maskri u juru ruħhom kif verament huma; fl-iktar essenza pura tagħhom.
Din il-ħajja malajr tgħaddi u, għalhekk, m'għandniex naħluha niġġieldu ma' xulxin. Tantx tinħlew tikkritikaw il-persuna tagħkom wisq; toqogħdux tilmentaw iżżejjed u titilfux is-serħan tal-moħħ minħabba l-kontijiet. Kunu żguri li tgħannqu lill-għeżież tagħkom. Tinkwetawx ħafna biex iżżommu d-dar nadifa pupilla. Il-ġid materjali jinkiseb minn kull persuna. Tiddedikawx ħajjitkom biex takkumulaw fortuna. Qed nistennew ħafna u qed ngħixu wisq fil-ġejjieni; 'La nikber! Meta nizżewweġ! Mhux illum, il-ġimgħa d-dieħla! Sena oħra! Mhux issa, fil-Milied! Meta jkolli l-flus! Meta nsib l-imħabba vera! Meta kollox ikun perfett!'
Isimgħuni tajjeb! Il-perfezzjoni ma teżistix fuq din l-art! Il-bniedem ma jistax jilħaq il-perfezzjoni, sempliċiment, għax mhux magħmul għalhekk. Hawnhekk, aħna ningħataw l-opportunità biex nitgħallmu. Mela, ejjew nagħmlu mill-aħjar tagħna f'din il-prova tal-ħajja, u ejja nibdew minn issa stess! Irrispetta lilek innifsek u irrispetta lill-oħrajn. Imxi t-triq tiegħek u ħallik mit-toroq li jagħżel għalik ħaddieħor. Irrispetta u tikkummentax; tiġġudikax; tiddeffisx! Ħobb iktar; aħfer iktar; għannaq iktar; għix b'mod iktar intensiv u ħalli l-kumplament f'idejn il-Ħallieq!"
Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.



# Pensjoni ta' Dawk li Twieldu minn 1962 'il Quddiem

***Minn ta' Emanuel Deguara***

Ħbieb, qegħdin nergħu niltaqgħu permezz tal-magazin tagħna, insellmilkhom. Wasal iż-żmien li nitkellmnu ftit dwar il-pensjoni ta' dawk li twieldu mis-sena 1962 'il quddiem, dawk li ntlaqtu bis-sħiħ mir-riforma tal-pensjonijiet. Min twieled fis-sena 1962, għalqu l-61 sena, sentejn ilu, u diġà hemm ammont minnhom li diġà huma pensjonanti u huwa importanti li nitkellmu dwarhom, u nilqgħuhom magħna l-anzjani u pensjonanti.

Ħalli nibdew billi nelenkaw id-differenzi saljenti li hemm bejn il-kriterji li hemm bżonn minn ta' dawk li twieldu sas-sena 1961.

- Il-kalkolu tal-medja tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali, biex tingħata pensjoni sħiħa, huwa bbażat fuq 40 sena flok fuq 35 sena, 41 sena għal dawk li twieldu mis-sena 1969 u 42 sena għal dawk li twieldu mis-sena 1976 'il quddiem.
- l-eta' tal-iritrar titla' minn 61 sena għal 65 sena, imma jekk ikollok 40 sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa għal min twieled mis-sena 1962 sa 1968, 41 għal min twieled bejn 1969 u 1975 u 42 sena għal min twieled mis-sena 1976, xorta tista tieħu l-pensjoni ta' 61 sena jew xi perjodu qabel il-65 sena, imma ma tistax taħdem sakemm tagħlaq il-65 sena.
- Id-dħul pensjonablli li fuqu jinħadem iż-żewġ terzi tal-pensjoni, ma jibqax il-medja tal-aħjar tlett snin konsekuttivi fl-aħħar 10 snin, imma jkun il-medja tal-aħjar 10 snin, li ma hemmx għalfejn ikunu konsekuttivi, matul ħajtek kollha wara li għalaqt it-tmintax-il sena.
- Id-dħul pensjonabbli massimu jitla' skont il-mekkaniżmu ta' 70% tal-inflazzjoni fil-pagi u 30% skont inflazzjoni tal-għoli tal-ħajja, fil-qosor imsejħa mekkaniżmu 70/30. Din is-sena d-dħul pensjonabbli massimu għal dawk li twieldu mis-sena 1962 huwa ta' €28,303.36 fis-sena.

Kif-tinħadem il-medja tal-kontribuzzjonijiet biex tilħaq iż-żewġ terzi:

It-total tal-aħjar 40, 41, jew 42 sena kontribuzzjonijiet diviżi b' 40, 41 jew 42 sena skont jekk twelidx mis-sena 1962, jew mis-sena 1969 jew mis-sena 1976. Biex wieħed jikkwalifika għal pensjoni l-medja tal-kontribuzzjonijiet trid tirriżulta għal, minn tal-anqas 15. Jekk tkun inqas minn 15, ma tikkwalifikax għal pensjoni. Jekk il-medja tkun bejn 15 u 49 tikkwalifika għal żewġ terzi ridotti kkalkulati hekk: Eżempju min jgħaddi bil-medja ta' 15: 15/50 immultiplikat b' 2/3 (żewġ terzi). Min jgħaddi bil-medja ta' 49: 49/50 immultiplikat b' 2/3. Min jgħaddi bil-medja ta' 50 jew aktar: 50/50 immultiplikat b' 2/3, li tirriżulta f'pensjoni sħiħa ta' żewġ terzi.

Għad-dħul pensjonabbli:

L-ewwel jintgħażlu l-aħjar 10 snin minn ħajtek kollha, kull sena miżjuda biż-żidiet tal-għoli tal-ħajja sas-sena li ser tinħareġ il-pensjoni. Jingħaddu dawn l-għaxar snin u diviżi b'għaxra u ir-riżultat jiġi d-dħul pensjonabbli ta' dak li jkun.

Ir-rata finali tal-pensjoni: tinħadem billi timmultiplika r-riżultat tal-medja tal-kontribuzjonijiet mad-dħul pensjonabbli kif ħdimnihom aktar 'il fuq.

Nispera li hekk, issa għandkhom idea aħjar dwar is-sistema tal-pensjoni ta' dawk li twieldu mis-sena 1962. Jalla nergħu niltaqgħu permezz tal-ħarġiet tal-'Anzjani Llum'. Minn qalbi insellmilkom.

# Tolstoy dwar ix-xjuħija

***Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap***




Ilu ftit, iltqajt ma' riflessjoni li tassew ġagħlitni naħseb. Din ir-riflessjoni ma ħariġhiex Ċikku l-Poplu tafux imma ħarġet mill-qalb ta' wieħed mill-aqwa kittieba ta' kull żmien; ir-Russu Leo Tolstoy. Dwar ix-xjuħija, Tolstoy kiteb hekk: *L-akbar sorpriża fil-ħajja tal-bniedem hi x-xjuħija*.

Tolstoy għandu raġun biex ibigħ jirraġuna b'dan il-mod għax ix-xjuħija dejjem tibqa' kaxxa magħluqa. U, f'dik il-kaxxa, wieħed isib minn kollox! Fil-fatt, ix-xjuħija hija s-sorpriża tas-sorpriżi! Veru li nistgħu nippreparaw għaliha biex ma tiġix fuqna qisha xi tsunami u tgħarraqna! Għaldaqstant, nagħmlu sew li nieklu b'mod bilanċjat, li nagħmlu l-eżerċizzju u li nfittxu modi biex nirrilassaw. X'hemm isbaħ milli nkunu f'saħħitna?

Anki meta wieħed jitħaddet fuq is-saħħa fiżika, din stess taf taħsadna waħda sewwa! Għax, mingħalina, jkollna seba' saħħiet u, f'daqqa waħda, jiġri li s-saħħa tibda tonqsilna bis-sekondi! Kemm taf tkexkixna! X'naqbdu nagħmlu meta jiġrilna hekk? Xejn għajr li nitfgħu ftit saħħitna taħt il-lenti tat-tabib u naraw ftit lejn fejn hi sejra. U, meta jkollna l-problemi, nitkellmu mill-ewwel u nirrkorru għall-għajnuna. Jista' jkun hemm każi fejn ma jkollniex wisq ċans għax il-ħaġa tiġi fuqna għall-għarrieda u mingħajr ma nindunaw. Imma, jekk noqgħodu b'seba' għajnejn dwar kif inhi saħħitna, ġid inkunu qed nagħmlu lilna nfusna.



Ix-xjuħija taf tgħinna wkoll biex niskopru talenti ġodda li l-Mulej jagħtina f'dan iż-żmien importantissmu ta' ħajjitna. Għaldaqstant, nagħmlu sewwa jekk ninfetħu għat-tagħlim ta' ħiliet li jkunu aċċessibbli għalina f'dan iż-żmien. Ibda mix-xogħol tal-id u spiċċa fix-xogħol tal-kitba u l-ħsieb. Min jaf hux, forsi f'dan iż-żmien tiġina l-ħajra li niktbu ġrajjiet ħajjitna f'forma ta' djarju! Jew, inkella, nagħtu dik l-intervista mitqilha deheb lil xi ġurnalist dwar xi avveniment storiku, kulturali, folkloristiku, reliġjuż jew spiritwali li konna involuti fih aħna! Xi grazzja li, fix-xjuħija, nerġgħu nħallu t-tifkira tqum! Permezz ta' dawn it-tifkiriet, min jaf kemm inkunu ta' barka u ta' ispirazzjoni għal dawk ta' madwarna! L-aktar għall-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Sakemm inkunu għadna ngħixu f'din id-dinja u saqajna jkunu għadhom mal-art, ix-xjuħija ġġibna f'sensina għax tgħinna nifhmu min, tabilħaqq, hu ħabib u min mhuwiex; min jidher quddiemna donnu anġlu biex imbagħad ma jkun xejn ħlief xitan u min naħsbu li jrid jagħmlilna l-ħsara u, fil-fatt, ħlief ġid ma jagħmlilniex.

Sorpriża sabiħa oħra li taf tinbet u tagħti l-frott f'dan iż-żmien ta' ħajjitna hija l-ftuħ tagħna għall-Mulej. Niltaqa' ma' ħafna anzjani li, f'dan iż-żmien, iħallu lill-Mulej iressaqhom lejH. Ħafna huma dawk l-anzjani li, fix-xjuħija tagħhom, jerġgħu lura bi ħġarhom għas-smigħ tal-quddies, għat-talb, għar-Rużarju u għall-Kurunella tal-Ħniena Divina. Mhuwiex żgħir l-għadd ta' dawk li jqattgħu ħafna ħin jisimgħu taħdidiet spiritwali *online*, l-aktar fuq *youtube*. Inkella, jaqraw rivisti spiritwali u, fuq kollox, jisimgħu Radju Marija. Kemm persuni jseħħilhom jagħmlu dik il-qrara ġenerali b'riħet il-programmi ta' Radju Marija!

Fl-aħħar nett, sorpriża oħra ta' inkoraġġiment fiż-żmien tax-xjuħija huwa l-i*sport*. Hawn anzjani li jsegwu l-i*sport* fuq it-televiżjoni jew *online*. U hawn ukoll min, bil-mod il-mod u b'kemm tagħtih saħħtu, reġa' qabad dik il-mixja li kien jagħmel qabel. M'hemmx dubju li eżerċizzju fiżiku ta' dan it-tip jagħmel tajjeb ħafna għal saħħitna! Minn nies sedentarji, iġibna protagonisti fil-ħajja. Mela, ejjew nieħdu ħsieb saħħitna! U, flimkien ma' saħħitna, nieħdu ħsieb ukoll il-menti tagħna għax dawn imorru flimkien (*mens sana in corpore sana)*. Ejjew nimmotivaw l-intellett u l-immaġinazzjoni li tana s-Sinjur! U ejjew wkoll nifirħu ma' min jifraħ u nuru s-solidarjetà tagħna, imqar b'kelma tajba jew bi skiet mimli ħniena u mogħdrija, ma' min ikun qiegħed jibki jew ibati! Jekk ninfetħu beraħ għall-imħabba li tiġi mill-Mulej, ix-xjuħija tagħna taf tkun l-akbar sorpiża sabiħa ta' kuraġġ u ta' fejqan fil-ħajja tagħna l-anzjani. Aktar u aktar meta niffaċċjaw inkwiet, mard, imwiet u kull ħaġa oħra li, għax qed ngħixu f'din id-dinja, ser tinqala' żgur minn żmien għal żmien.

Kos hux! Kemm kellu raġun biex ibigħ Leo Tolstoy!




# Il-Malti ta' dari

***Kitba ta' Anthony Cardona***

Naħseb li lkoll taqblu li llum qed ngħixu ħajja tal-ġenn, ħajja mgħaġġla, fejn kulħadd jiġri biex ilaħħaq mal-programm li jkollu għal matul il-jum, fejn it-traffiku fit-toroq tagħna ma jieqaf qatt, erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, u kullimkien imwaħħal u mblukkat, u fejn kulħadd irid jaħdem biex ilaħħaq mal-pass tal-ħajja.

Jekk dan hux progress jew le, inħalli f'idejkom imma, min hu anzjan bħalna, jiftakar li, ħafna żmien ilu, il-ħajja kienet ferm differenti mil-lum. Illaħwa x'differenza! Kienet ħafna iktar kwieta u l-progress kien jimxi aktar bil-mod. Il-mara kienet toqgħod id-dar, tnaddaf u ssajjar l-ikla tal-jum u l-familji kienu jinġabru ġewwa malli jidlam. Flus żejda fil-but ftit kien ikollhom u postijiet ta' divertiment ftit li xejn kien hemm. X'differenza llum! Il-ħajja tax-xalar tibda f'nofsillejl, kulħadd isiefer biex jiddeverti u r-reliġjon qajla għad għandha postha fil-ħajja tan-nies. Meta tara ritratti ta' Malta tal-imgħoddi u tqabbilhom ma' tal-lum, tara differenza. Kif kienu jilbsu, il-mezzi tat-trasport, it-tip ta' ikel li kienu jieklu, il-ħakma tal-knisja fuq il-ħajja tan-nies u l-ambjent naturali tal-madwar. Illum bini biss, raħal imiss ma' ieħor. Minn fuq ajruplan, Malta tidher kważi kollha bini; postijiet imsaġġra veru ftit u dejjem jonqsu.

Dawn id-differenzi jidhru u jinħassu l-iktar meta tqabbel il-ħajja ta' xi ħamsin sena ilu, jew iktar, ma' dik tal-lum. U, barra minn hekk, anki l-lingwa tinbidel ukoll. It-tip ta' Malti li kienu jitkellmu missirijietna kien ferm differenti minn dak tal-lum! Aħseb u ara, kieku kellna mmorru iktar lura fiż-żmien.

Madwar mitt sena ilu, meta xi ħadd kien imur ilegleg f'xi każin, kienu jgħidu li dak kien idekkek l-inbid. Illum, meta tmur f'restorant u tordna l-laħam u tridu misjur sew, tgħidlu biex jagħmilhulek *well done*. Għalkemm dari qajla kienu jieklu barra, madankollu, laħam imsajjar tajjeb kienu jgħidulu laħam imdekkek. Jekk tkun veru bil-ġuħ, l-ikel tibilgħu, imma missirijietna kienu jgħidu ddexxex l-ikel, flok tibla' l-ikel sħiħ. Ħafna nies kienu jagħmlu l-ħobż huma stess billi jixtru d-dqiq mingħand tal-mitħna u jagħmlu l-għaġina tal-ħobż. Meta kien jiġihom ħażin għax l-għaġina ma titlax, kienu jgħidu ħobż imgarżam u, meta l-ikel ma jintgħoġobx, kienu jgħidu ikel ħajż. Illum, biex nixtru, immorru s-*supermarket* imma, dak iż-żmien, kienu jgħidu għand il-maħnat li, imbagħad, inbidlet fil-kelma growser.

U x'ngħidu għal mard? Illum, tmur għand it-tabib, jinvistak u malajr jgħidlek li għandek influwenza jew kovid. Dari, meta xi ħadd ikollu mnieħru miżdud, kienu jgħidulu mnieħer imżaddam jew imżikkem. U, jekk xi ħadd iħossu marid, jgħidu dak ir-raġel imderwex, miskin! Xi ħadd jibki? Kienu jgħidu għandu d-dmugħ iġemġem u ġimġma kienet tfisser ukoll meta jkollok uġigħ ta' ras. Għal min ikollu leħnu fgat, kienu jgħidu leħen iħamħam u, għal dak ir-riħ xott u kiesaħ tax-xitwa li jaqsam ix- xufftejn, kienu jsejħulu l-eħtrieq filwaqt li r-riħ isfel ta' Settembru li jġib miegħu ħafna umdità u jikkawża ħafna mard, kienu jsejħulu riħ indewwi. Meta xi ħadd ikollu msarnu, kienu jgħidu msarnu jħarħru u, meta griżmejh juġgħuh, griżmejn ħarrin.

In-nies kienu jgħixu ħajja ta' faqar jew, kif kienu jgħidu, ħajja mxuma. Ġo familja estiża, kien ikun hemm in-nanniet, iz-zijiet, il-kuġini u ruxxmata tfal. Allura, għal kull persuna, kienu jsibu isem. Missier il-mara kien ħatni u r-raġel t'oħt

il-mara silfi. Il-bint tar-rispett kienet il-ħtint u l-missier tar-rispett kien il-ħam u l-aħwa minn ommijiet differenti, aħwa farsdieq. Meta l-missier jixjieħ, kienu jgħidu li tgħaġġeż u, mara xwejħa, kienu jgħidulha għaġuża.

Meta tfajla tiżżewweġ, kienu jagħtuha d-dota imma, dak iż-żmien, kienu jsejħulha l-għież. Għall-festa tat-tieġ, speċjalment meta tiżżewweġ bint tas-sinjuri, kienu jagħmlu purċissjoni bil-baldakkin, bħal dak li għadhom jużaw illum fil-purċissjonijiet tal-festi u, din il-purċissjoni, kienu jsejħulha l-ġilwa. Il-mistidnin kienu l-ħaddara, il-patri li jżewwiġhom, ir-raħeb u ċ-ċurkett tat-tieġ, il-ħatem. Iz-zija tal-għarusa kienet għammitha u l-ġiżirana li kienet tilbes l-għarusa, il-ħannieqa. Fil-knisja, imbagħad, kienu jfewħu bl-inċens imma, dak iż-żmien, kienu jsejħulu bħur. Kienu jinġabru ħafna nies mill-maġar jew, aħjar, minn dawk l-inħawi biex jarawha dieħla fuq iz-zuntier tal-knisja.

Ħafna minn missirijietna kienu sajjieda. Għaldaqstant, meta joħorġu għall-ħut, kienu jpixku, anki meta jkun ġej il-maltemp u l-ajru jkun ċlampu u l-baħar ikun imħarref jew bir-ragħwa f'ħalqu. Kienu jgħassu għall-maltemp billi jaraw l-irjieħ u, jekk ikun hemm sħab oħxon u magħqud, jgħidulu ċluni. Meta, imbagħad, il-maltemp iċedi u jibda jibbnazza, kienu jgħidu li x-xita se tifħa u l-baħar jibda jgeġweġ. Id-dgħajsa kien ikollha l-moqdief biex ipillaw u qlugħ żgħir, jgħidulu ċ-ċellikka, biex, f'każ ta' bżonn, ikollhom biex jaqdfu u jimxu mar-riħ. Kien ikollha wkoll l-istropp, jew il-ħabel, li bih jorbtu l-moqdief.

Il-bdiewa wkoll kienu dejjem jgħassu għat-temp billi jibballastraw. Meta, fl-arja, ikun hemm ħafna ndewwa, jew umdità, u x-xemx tkun mgħammxa jew, kif ngħidu llum, tkun bajda, kienu jlestu għal xi maltempata. Meta jasal iż-żmien tiegħu, ir-raba' kienu jsaħħuh billi jqallbuh jew iħarfnuh u jagħtuh kisja kagħbur jew demel. Meta joħorġu l-għanem, jew il-baqar u n-nagħaġ, biex jirgħu, kienu wkoll jitimgħu l-ħnienef, jiġifieri, il-qżieqeż, kif ukoll xi mogħża midliela, jiġifieri, fraġli jew xipli u, wara ħafna xita, l-għelieqi kienu jimtlew bil-fajt, jew bit-tajn, waqt li, fis-sajf, ir-raba' jinxef u jsir mutrab. Għalihom, ix-xogħol, jew il-fgħal, kien iebes imma kollox kien isir bil-faqda, jiġifieri bil-għaqal u xejn ma kien isir imferkex, jew bl-addoċċ. Kienu jgħidu li x-xogħol fejjiedi jġib il-ġiżja, jew aħjar il-frott u, b'hekk, ma jkollokx għalfejn tiekol ħobż imgarżam, jew niexef. Aħjar hekk milli taqla xi ħartuma (daqqa ta' ħarta jew diżappunt).

Meta, fil-Malti, beda jidħol ir-Romanz, kliem Semitiku li beda jitqies bħala goff, jew mhux popolari man-nies edukati, beda jitlef l-użu tiegħu u l-kelma Romanza bdiet toħodlu postu. Hekk, pereżempju, flok moxt, daħlet il-kelma pettne, flok ħaqq, ġustizzja, flok maqgħad, siġġu u, flok dewlgħa, kustilja. Ċerti kliem ta' nisel Semitiku beda jitwarrab sakemm jew intesa għalkollox, jew baqa' jeżisti flimkien mal-kelma Romanza imma mingħajr ma jintuża. Ngħidu aħna, illum ngħidu skutella flok bieqja, kuċċarun flok dixkiena, ajruport flok mitjar u grazzi flok nizzikħajr.

Dan il-proċess ta' taqlib minn Semitiku għal Romanz, jew anki Ingliż, għadu għaddej, anki għax, illum, inħossuna aktar komdi nesprimu ruħna bi kliem modern. B'hekk, intesa ħafna kliem bħal, ngħidu aħna, dqiqa (minuta) ġebbieda (razza) ġidd (nannu) għamm (ziju) għorma (munzell) għasida (minestra) għors (xalar) ħannieqa (kullana) ħarb (gwerra) imdanna (kunjata) kies (tazza) litfija (kaboċċa) maħra (loki) maqbar (ċimiterju) marħab (kunvent) imdejra (furketta) miġfen (bastiment) misqja (funtana) imselħa (xkupa) qofol (serratura) qabru (granċ) qerqni (nanu) qorq (sandli) semm (velenu) sies (pedament) tawes (pagun) tebbieħ (kok) tewba (penitenza) wirk (koxxa) żilżla (ragħda) u żrafa (ġiraffa).

Niġu għall-qwiel u l-idjomi. Dawn għadhom jintużaw imma, ħafna minnhom, speċjalment dawk li huma marbutin mat-tip ta' ħajja li kienu jgħixu missirijietna, m'għadx għandhom użu fl-ilsien. Pereżempju, meta lil xi ħadd kienu jridu jwissuh biex jieħu ħsieb saħħtu, kienu jgħidu: oqgħod qgħadek, ara darek, ħares saħħtek u agħmel fagħlek, jiġifieri, ħu ħsieb ta' familtek u tiegħek innifsek billi tagħmel dak li hu sewwa. Rigward l-ikel, kienu jgħidu: ikel ħami jħarrar id-demm, jiġifieri, meta l-ikel ikun imħawwar iżżejjed b'ħafna bżar u mluħa, iqawwilek id-demm. Peress li l-biċċa l-kbira tan-nies ftit kellhom flus u kważi kulħadd jaqlagħha u jiekolha, meta kienu jġemmgħu xi ħaġa, kienu jgħidu: faddal flusek għall-fqiegħi li jistgħu jiġuk, bħalma llum ngħidu erfa' u sorr għal meta tiġi bżonn. Fiż-żwieġ, kienu joqogħdu b'seba' għajnejn ma' min jiltaqgħu għax kienu jgħidu: aħjar imqatta' u ħorra milli għanja u morra, jiġifieri, aħjar tiżżewweġ tfajla fqira u onesta milli waħda sinjura imma li tidħaq bik. Rigward it-temp, kienu jgħidu: meta Jannar tarah milwiemi, ma tarax il-bidwi hieni, jiġifieri, meta f'Jannar tagħmel ħafna xita, il-bidwi ma jiħux gost biha għax tgħarraqlu l-uċuħ tar-raba'. Jew, kienu jgħidu: meta jħarraq il-baħar, jitfaċċa r-riħ isfel, jiġifieri, meta l-wiċċ tal-baħar ikun ileqq, stenna li jagħmel riħ mix-Xlokk.

Ħafna mis-snajja' Maltin tal-imgħoddi għoddhom intilfu għax jew spiċċa l-użu tagħhom għalkollox jew kważi għalkollox. Illum, qajla għadek issib nies bħal arluġġar, ħaddied, landier, lustratur jew skarpan. Kollha qed jinqatgħu ftit ftit għax, mal-mogħdija taż-żmien, in-nies m'għadhomx isewwu l-affarijiet li ma jaħdmux jew inkisru. Illum, daħlet id-drawwa ta' armi u ixtri, u bilfors ikollok tagħmel hekk għax ma ssibx min isewwilek.

Jekk immorru lura fiż-żmien, il-ballata tal-bjut, il-ħallieġa li kienu jdawru l-qoton, il-kebbiesa tal-fanali tat-toroq u l-katalettiera li kienu jieħdu l-morda l-isptar bil-karrettun m'għadhomx jeżistu. Lanqas in-newwieħa li kienu jinkrew biex joqogħdu jibku waqt xi funeral jew it-terramaxkier li kien idur it-toroq idoqq il-kaxxa tad-daqq biex jaqla' ħobżu ħalli jitrejjaq.

Anzi, aħna forsi xxurtjati li, fil-ġenerazzjoni tagħna, ċerti snajja', s'issa, għadhom jeżistu; bħall-bajjad, il-biċċier, l-elektrixin, il-furnar, il-ħajjat, il-kuċċier, il-kaħħal, il-mekkanik, il-mastrudaxxa, in-naġġar, il-qabla, is-sillar, l-istampatur, it-tellgħar, it-teknixin u l-vitrar. Però, taqblu miegħi li, malli jibda jonsqilhom ix-xogħol, xi wħud minn dawn ukoll jibdew jgħibu għax qed ngħixu dejjem iktar niddependu mill-oġġetti maħdumin fil-fabbriki u lesti għall-bejgħ.

Qed taraw hux x'qed nitilfu! Imma min jista' jwaqqaf iż-żmien u jżomm il-progress milli jbiddel kollox? Sadattant, anki aħna ninbidlu wkoll imma, tinkwetawx tafux, għax dik hija liġi tan-natura!

# Maturità

***Kitba ta' Salv Sammut***



Darba, il-famuż kittieb Amerikan, Mark Twain, qal hekk dwar missieru, li kien avukat: "Meta kelli erbatax-il sena, missieri tant kien injorant li ma kontx irridu maġenbi. Imma, meta għalaqt il-wieħed u għoxrin sena, stgħaġibt kemm kien tgħallem f'seba' snin!"

Naturalment, dan huwa kliem li fih ħafna x'tifhem. It-tfulija hija sabiħa għax hija ħielsa mit-toqol tal-ħajja. Dan dejjem sakemm din it-tfulija ma tkunx f'ambjent fejn, mit-twelid 'il quddiem, it-tfal ikollhom iġorru fuqhom it-toqol tal-ħajja mimlija mrar, tal-faqar, tal-ġuħ, tal-inġustizzja jew tal-jasar. Imma, f'pajjiżi fejn fl-istrata tas-soċjetà l-popli huma ċivilizzati, it-tfulija hija maħlula minn dan ix-xkiel li hemm f'pajjiżi oħrajn.

Għaldaqstant, wieħed jista' jagħmel valutazzjoni ta' din il-frażi iżjed b'moħħ miftuħ. Jista' jifhem il-ħsieb ta' min ikollu erbatax-il sena, kif ikejjel lil missieru ta' dik l-età u kif, wara, meta jimmatura, juża kejl differenti. Għax, mit-tfulija, ikun għadda għad-dinja tal-adulti.

Ta' erbatax-il sena, wieħed ikun għadu qed jesperimenta l-ħajja. Jgħarrex u jimraħ f'dak kollu li hu ġdid u avventuruż. Jaħseb li jaf ħafna u jħoss ġewwa fih ċertu sens ta' indipendenza, kemm fil-ħsieb ta' kif iħaddem moħħu kif ukoll fil-mod li bih jaġixxi. Suġġerimenti ta' min hu akbar minnu, jew ma jaċċettahomx jew jirredikolhom għax jemmen li huma antikwati u mhux prattikabbli għalih. Ma jirrealizzax li s-suġġerimenti li jtuh dawk li huma akbar minnu huma msejsa fuq l-esperjenzi li għaddew minnhom huma u huwa għalhekk li jaġixxu b'mod iżjed meqjus u bil-għaqal.

Ta' dik l-età, jibda jirribella għal xi ċaħda li missieru jimponi fuqu għal dak li jkun irid. Jibda jarah dittatur u li ma jirraġunax jew li ma jifhimx u jixtieq li jfittex jasal iż-żmien li jkun jista' jfendi għal rasu. Ta' dik l-età, tifel ta' erbatax-il sena ma jifhimx li, minħabba n-nuqqas ta' esperjenza fil-ħajja, malajr jista' jaqa' u jiġġarraf. Jiġrilu bħal dak il-ferħ ta' ċerva fil-foresta li jterraq lil hinn minn djul ommu u jiddejjaq meta din tiġbdu lura għax taf li xi mkien, mistoħbi, hemm il-predatur lest għalih.

Imma, imbagħad, meta jagħlaq il-wieħed u għoxrin sena, dik l-età li, qabel, kienet meqjusa bħala l-età tal-adulti, il-ħajja jibda jaraha mod ieħor. Ikun daq ħarira mill-ħajja u xi ftit brix minnha jkun ħa wkoll. Ma jibqax jgħaġġel fil-ħsieb u fid-deċiżjonijiet tiegħu, bħal meta kellu erbatax. Jintebaħ li, wara kollox, hu issa qed jaħseb l-istess bħal missieru u, għalhekk, ma jibqax jarah daqstant injorant u antikwat. Ma jibqax jikkunsidrah bħala d-dittatur li kien ipinġih qabel. Jirrealizza li, kieku missieru ċeda għat-talbiet tiegħu, x'aktarx li kien isib ruħu fil-gwaj.

Illum, jista' joqgħod bilqiegħda ħdejn missieru u jitkellem miegħu fuq ħafna suġġetti. U jekk, qabel, xi ideat ta' missieru kienu jirritawh jew xi drawwiet tiegħu jqishom mhux flokhom, issa m'għadux jarahom la daqstant koroh u lanqas daqshekk strambi. Fil-fatt, li jkun ġara tabilħaqq huwa li ż-żagħżugħ stess ikun kiber fil-mentalità, immatura fil-karattru u għaraf x'tagħti l-ħajja; mhux għax missieru ċkien fil-ħsieb.

Din il-frażi ta' Mark Twain, tfakkarni f'dak li darba kiteb wieħed fuq missieru. Bejn wieħed u ieħor, kien qal hekk: "Meta kelli għaxar snin, missieri kien l-eroj tiegħi ... ta' ħmistax-il sena kont narah antikwat u jindaħal f'kollox ... ta' għoxrin ħsibt li kien hemm ħwejjeġ li naqbel miegħu ... ta' tletin sena kont bdejt naħseb li, wara kollox, ma kienx daqshekk ħazin u, meta ġejt biex nagħlaq l-erbgħin, spiċċajt ngħid: 'Għax, kif kien jgħid missieri ... ' "

Minn dan wieħed malajr jasal għall-konklużjoni li l-ħajja, jew aħjar il-mentalità, timmatura. Hu eżempju ċar li, fl-aħħar mill-aħħar, il-ħajja terġa' lura minn fejn bdiet. Iddur dawra tond u tfittex fejn taf li tista' tistrieħ għax taf tajjeb li, hemmhekk, tassew għandha ħajt ta' kenn. Jiġifieri, wara l-furja taż-żgħożija, terġa' ssib il-maturità li tkun tħalliet warajha għand ħaddieħor. Għalhekk, wieħed malajr jikkonkludi li l-osservazzjoni ta' Mark Twain hija sabiħa ħafna u fiha tagħlima tassew fina għal min huwa lest li jifhimha tajjeb.

L-isem proprju ta' Mark Twain kien Samuel Langhorne Clemens. Huwa kien awtur umorista Amerikan li kien jikteb u jippubblika taħt il-psewdonomu ta' Mark Twain. Il-kliem, '*mark twain*' jirreferu għall-għajta li jużaw il-baħrin tal-vapuri fuq ix-xmara *Mississippi* biex jindikaw il-fond tal-ilma. F'dan il-każ, '*mark twain*' tfisser fond ta' żewġ qamgħiet.

Mark Twain twieled fit-30 ta' Novembru tal-1835 fi Florida; mhux Florida l-iStat imma villaġġ żgħir, jismu Florida wkoll, fl-iSstat ta' Missouri, l-Istati Uniti. Is-sena 1835 kienet sena li fiha dehret il-Kometa *Halley*. Din il-kometa tiġi żżurna darba, qisu, kull ħamsa u sebgħin sena u, kumbinazzjoni, din l-istess kometa reġgħet dehret fis-smewiet meta Mark Twain ħalla din id-dinja, fis-sena 1910.

Mark Twain trabba f'Hannibal, f'Missouri stess. Ma tistax tgħid li ħa xi edukazzjoni rigoruża għax din intemmet ħesrem bil-mewt ta' missieru fl-1847. Fis-sena 1870, Mark Twain iżżewweġ lil Olivia Langdon u kellu tliet ulied bniet. Għalih, dan kien l-isbaħ żmien ta' ħajtu u li, matulu, kiteb iż-żewġ novelli tiegħu li huma l-iktar magħrufin: *Tom Sawyer* u *Huckleberry Finn,* b'din tal-aħħar titqies bħala l-iktar novella

Amerikana popolari. Minbarra dawn, Mark Twain kiteb ukoll in-novella *The Prince and the Pauper* li, fi tfulitna, qrajniha bħala storja u, iktar tard, rajniha wkoll bħala film. Imma kienet is-sena 1865 li ġabitu għall-attenzjoni tax-xena internazzjonali meta ppubblika n-novella umoristika: *The Celebrated Jumping Frog of Calaneras County*.

L-isfortuna missitu wkoll meta n-negozji tiegħu, kemm tal-pubblikazzjoni kif ukoll l-investimenti li kien għamel f'teknoloġiji u invenzjonijiet moderni, fallew, faqqruh u mtela dejn. Bħal donnu li dan ma kienx biżżejjed, martu u tnejn minn uliedu mietu u kien fadallu biss lil bintu, Clara. Minn hemm 'il quddiem, il-kitba tiegħu ma baqgħetx stabbli għalkemm, lejn l-aħħar snin ta' ħajtu, il-kontribut letterarju tiegħu kien rikonoxxut u ngħata bosta unuri.

Mark Twain miet b'attakk tal-qalb fil-21 ta' April tal-1910 f'Redding, Connecticut fl-età ta' kważi ħamsa u sebgħin. Mark Twain kien jaf li, dik is-sena, il-Kometa *Halley* kellha terġa' tidher u hu stenniha bil-ħerqa. Hu stess, kien jgħid: "Jiena ġejt mal-Kometa *Halley*. Dis-sena reġgħet ġejja u nistenna li nitlaq magħha. Inkun diżappuntat ħafna b'ħajti jekk ma nitlaqx mal-Kometa *Halley*. Bla dubju, Alla l-Imbierek qal: 'Hawn dawn iż-żewġ imgerfxin: ġew flimkien, mela ħalli jitilqu flimkien ukoll!'"



# Appell

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista, *L-Anzjani Llum,* kull tliet xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani u li għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja) kif ukoll għadd ta' anzjani abbonati.

Permezz ta' din ir-rivista li hija ta' interess u ta' tagħrif siewi għall-anzjani, aħna ninkoraġġixxu lill-anzjani kollha biex ikunu dejjem aktar attivi, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Għaldaqstant, napprezzaw ħafna jekk tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista ħalli l-iskop fejjiedi tal-Kunsill ikun jista' jkompli jintlaħaq.

Għall aktar tagħrif fuq il-Kunsill wieħed jista' jidħol fil-Website - www.kna.org.mt, fejn issibu aktar rivisti li ħarġu fil-passat u informazzjonijiet utili għalikom.

Grazzi bil-quddiem

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**
Is-Sur Anthony J. Saliba, San Pawl il-Baħar **-** €10.00
Is-Sa Violet Mallia, Ħal-Luqa - €5.00
Is-Sur u s-Sa Tanti, Mqabba - €15.00

**L-Editur**

# Ftit fatti interessanti dwar il-Konklavi

*Kitba ta' Fr. Charles Buttigieg*

***Annuntio vobis gaudium magnum;***
***habemus Papam***



Matul l-istorja tal-konklavi li, bil-Latin, tfisser, biċċavetta, insibu li, f'xi wħud minnhom, il-kardinali damu jiddeliberaw mhux ħażin. Pereżempju, il-konklavi li saru wara l-Papa Klement IV, damu għaddejjin mid-29 ta' Novembru 1268 sal-1 ta' Settembru 1271; kważi tliet snin. Kienu saru Viterbo meta laħaq il-Papa beatu Girgor X li, dak iż-żmien, kien qiegħed il-Palestina. Ħaġa oħra wkoll interessanti hija li, fl-ewwel sekli, kien hemm perijodu ta' erba' snin li, matulhom, ma kien hemm ħadd papa. Dan seħħ bejn il-martirju tal-Papa San Marċellinu, fis-sena 304, u l-elezzjoni tal-Papa San Marċellu I, fis-sena 308.

Il-konklavi kif nafuhom aħna bdew fis-sena 1059 meta kien hemm seba' kardinali. Minn hawn 'il quddiem, insibu li l-konklavi li bdew fl-4 t'April 1292, intemmu fil-5 ta' Lulju 1294; iktar minn sentejn wara. Imbagħad kien hemm il-konklavi li bdew fl-20 t'April 1314 u damu sejrin sas-7 t'Awwissu 1316. Dan kien iż-żmien meta l-Papa kien f'Avignon, fi Franza, minflok f'Ruma. Dawn il-konklavi bdew fil-palazz apostoliku ta' Carpentras u komplew f'Lyon. Kien hemm ukoll il-konklavi li bdew fl-4 ta' Lulju 1415 u damu sejrin sal-11 ta' Novembru 1417. Dan ġara fi żmien ix-Xiżma tal-Punent. Insibu wkoll il-konklavi li bdew fid-29 t'Awwissu 1799 li damu għaddejjin sal-14 ta' Marzu 1800. Interessanti wkoll li l-Papa Girgor X u l-Papa Klement IV damu madwar seba' xhur sakemm ħadu l-pussess bħala papiet.

Fis-sena 418 WK, niltaqgħu mal-ewwel indħil sekulari fl-għażla tal-Papa minn Karlu ta' Ravenna. Fis-sena 654, il-Papa San Ewġenju laħaq Papa qabel miet il-predeċessur tiegħu, il-Papa San Martin, billi dan għamel sena eżiljat fil-ħabs u, għaldaqstant, għal ċertu żmien, effettivament, kien hemm żewġ papiet. Bejn is-sena 891 u s-sena 955, kien hemm għoxrin papa differenti f'perijodu qasir ta' erbgħa u sittin sena. Fil-konklavi li saru wara l-mewt tal-Papa Ljun X, kien elett Adrijanu VI (1522-1523) li kien Olandiż. Fl-1605, il-Papa Ljun XI ma ġab ebda vot fl-ewwel votazzjoni. Fil-konklavi tal-1623, mietu tmien kardinali bil-malarja. Fil-fatt, il-Papa li laħaq dak iż-żmien, Urbanu VIII, kellu jitlaq mill-Vatikan minħabba din il-marda. Il-konklavi tal-1740 ħadu mija u wieħed u tmenin jum biex ġew konklużi. Il-konklavi li eleġġew il-Papa Klement XIII damu tlieta u ħamsin ġurnata. Fl-1769, il-konklavi damu erbgħa u disgħin jum. Il-konklavi li eleġġew il-Papa Piju VII saru Valenzja u damu mija u ħamest ijiem. Meta, fl-1831, laħaq il-Papa Girgor XVI, huwa ma kienx isqof imma patri benedettin. F'dawn il-konklavi, il-Kardinal Giustiniani kien ġab 28 vot minn 29 imma ma laħaqx Papa minħabba *veto* li sar mir-Re ta' Spanja.

Il-Papa Beatu Piju IX, kien elett Papa fis-16 ta' Ġunju 1846 wara erba' votazzjonijiet bejn erbgħa u ħamsin kardinal ewropej f'konklavi li damu jumejn. Jingħad li, meta kien sejjer għall-konklavi, ħamiema bajda baqgħet ittir fuq il-karru tiegħu. In-nies interpretaw dan l-episodju bħala sinjal li hu ser ikun il-Papa l-gdid. Il-Papa Ljun XIII, kien elett fl-20 ta' Frar 1878, fit-tieni jum tal-konklavi, wara tliet votazzjonijiet meta kienu preżenti wieħed u sittin kardinal, kollha Ewropej. Il-Papa qaddis San Piju X kien elett papa fl-4 t'Awwissu 1903, fir-raba' jum tal-konklavi, wara s-seba' votazzjoni minn tnejn u sittin kardinal. Favorit ieħor kien Rampolla del Tindaro imma l-Imperatur tal-Awstrija, Francis Joseph, kien kontrih kif iddikjara bil-*veto* il-Kardinal ta' Krakovja f'isem l-Imperatur. Il-Papa Benedittu XV kien elett Papa fit-3 ta' Settembru 1914, fit-tielet jum tal-konklavi, wara għaxar votazzjonijiet minn sebgħa u ħamsin kardinal li, ħamsa u ħamsin minnhom, kienu Ewropej. Il-Papa Piju XI kien elett Papa fis-6 ta' Frar 1922 wara li saru erbgħatax-il votazzjoni minn tlieta u ħamsin kardinal f'konklavi li damu ħamest ijiem. Il-Papa Piju XII kien elett fit-2 ta' Marzu 1939, fit-tieni jum tal-konklavi, wara tliet votazzjonijiet li saru minn tnejn u sittin kardinal.

Il-Papa San Ġwanni XXIII kien elett Papa fit-28 t'Ottubru 1958, fir-raba' jum tal-konklavi, wara ħdax-il votazzjoni li saru minn wieħed u ħamsin kardinal. Il-Papa San Pawlu VI kien elett Papa fil-21 ta' Ġunju 1963, fit-tielet jum tal-konklavi, wara sitt votazzjonijiet bejn tmenin kardinal. Il-Papa Ġwanni Pawlu I kien elett fis-26 t'Awwissu 1978, fit-tieni jum tal-konklavi, wara erba' votazzjonijiet li saru minn mija u ħdax-il kardinal. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II kien elett fis-16 t'Ottubru 1978, fit-tielet jum tal-konklavi, wara tmien votazzjonijiet bejn mija u ħdax-il kardinal li, din id-darba, tlieta u għoxrin fil-mija biss minnhom kienu Taljani. Il-Papa Benedittu XVI kien elett fid-19 t'April 2005, wara erba' votazzjonijiet. U, fl-aħħar nett, il-Papa Franġisku sar papa fit-13 ta' Marzu 2013 wara sitt votazzjonijiet bejn mija u ħmistax-il kardinal.

B'hekk, tajna ħarsa ħafifa lejn l-istorja tal-konklavi, bl-ewwel Papa jkun San Pietru li kien magħżul minn Sidna Ġesù Kristu nnifsu.



# Mawra sa Ruma fis-Sena tal-Ġublew 2025

F'Marzu li għadda, għadd sabiħ ta' Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għamlu mawra sa Ruma.

It-temp tajjeb ippermettielhom iduru dawra sewwa biex ikunu jistgħu jammiraw l-arkitettura storika flimkien mal-kultura li għandha x'toffri din il-belt maestuża.

Minbarra l-Katidral ta' San Pietru fil-Vatikan, kellhom iċ-ċans iżuru l-Bażilika ta' San Giovanni in Laterano, il-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore, fejn hemm midfun issa l-Papa Franġisku, il-Bażilika ta' San Paolo Fuori Le Mura, u diversi knejjes oħra. Ma naqasx li jmorru ġewwa Piazza Navona, iżuru l-Pantheon, l-Funtana di Trevi, Piazza di Spagna, Piazza del Popolo, u l-Colosseum u l-Monument ta' Vittorio Emanuele II.







Barra minn hekk, sabu l-opportunità, saħansitra, joħorġu barra minn Ruma biex marru Tivoli, u anki Assisi, fejn żaru l-qabar ta' San Franġisk kif ukoll raw il-Corpo Santo ta' Carlo Acutis li, biex jarawh, kien hemm ukoll ħafna pellegrini żgħażagħ.



Fid-19 ta' Marzu, jum il-festa ta' Missierna San Ġużepp, kellhom l-okkazzjoni jisimgħu il-quddies, ġewwa l-knisja ta' San Carlo f'Ruma, li kienet konċelebrata mill-Kardinal Mario Grech. Wara l-quddies, ma setax jonqos li jiltaqgħu miegħu, kemm biex isellmulu kif ukoll biex miegħu jieħdu ftit ritratti ta' tifkira.

Kienet mawra tassew sabiħa u interresanti.

# Żewġ minuti kollox

***F'żewġ minuti, l-anzjan attiv, Franky Piccinino, jirrakkonta tliet ċajtiet***

Wieħed sindikajr mar sab il-kappillan u qallu: "Karmenu dejjem l-aħħar wieħed li jidħol il-knisja għall-quddies!"
U l-kappillan mar sab lil Karmenu u qallu: "Qaluli li int dejjem l-aħħar wieħed li tidħol għall-quddies!"
"Iva, veru," wieġbu Karmenu. "Imma ma qalulekx ukoll li jien dejjem inkun l-ewwel wieħed li noħroġ?"

---

Waqt eżerċizzju, suldat kellu jaqbeż bil-paraxut. Qabel qabeż, il-fizzjal spjegalu: "Meta taqbeż, agħfas *button one* u l-paraxut jinfetaħ."
Imwerwer, is-suldat qallu: "U jekk ma jinfetaħx, Sir?"
"F'dak il-każ, agħfas *button two*; l-*emergency button*."
"U jekk jerġa' ma jinfetaħx, Sir?" reġa' s-suldat.
"Fil-każ, erġa' itla', ħa ntuk ieħor!"

---

Żewġ patrijiet kienu fuq mutur u kienu qed isuqu b'veloċità iktar milli suppost. Waqqafhom tal-LESA u qalilhom: "Mela m'għandkomx kont ta' ħajjitkom? Ma tafux li tistgħu taħbtu u tweġġgħu? Se jkolli nagħmlilkom ċitazzjoni!"
U patri minnhom qallu: "U aħna għandna lill-Bambin magħna!"
U tal-LESA qallu: "Mela se jkolli nagħmlilkom ċitazzjoni doppja; għax qegħdin tlieta fuq mutur!"

# Ninvestu f'dak li tassew jiswa: Kura moderna u b'għaqal għall-anzjani

## Tagħrtif mogħti mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva

Fi żmien meta l-popolazzjoni qed tixjieħ b'pass mgħaġġel, Malta qed twieġeb b'mod strateġiku u b'għaqal billi tinvesti f'servizzi u inizjattivi li jagħmlu differenza fil-ħajja ta' eluf ta' anzjani; kemm fil-kumpless ta' San Vinċenz de Paul kif ukoll fil-komunitajiet madwar il-gżejjer tagħna. F'dawn l-aħħar ġimgħat, ġew inawgurati żewġ portable X-ray machines ġodda ġewwa San Vinċenz, infetaħ mill-ġdid iċ-Ċentru tal-Anzjani ta' Ħal Qormi rinovat u modern u ġie mniedi stadju ieħor tal-inizjattiva: 'Qatt Mhu Tard' li, din id-darba, tiffoka fuq proġetti letterarji. Dawn l-investimenti għandhom ħsieb wieħed: li jinħolqu aktar opportunitajiet ta' ħajja sinifikanti li, fihom, kull anzjan u anzjana jħossuhom tassew apprezzati, attivi u parti sħiħa mill-komunità li bnew tul ħajjithom.



San Vinċenz de Paul qed ikompli jiġi trasformat f'ċentru ta' eċċellenza u innovazzjoni f'dik li hi kura residenzjali. Il-ftuħ imminenti ta' St Francis Ward 2, waħda mis-swali li ġew irranġata b'mod estensiv, ser ikompli jtejjeb l-esperjenza ta' dawk li jgħixu hemm f'ambjent komdu, sigur u b'faċilitajiet moderni. Fl-istess waqt, il-kura qed tinfirex 'il barra minn dawn l-istituzzjonijiet. Is-servizzi tal-oftalmoloġija, pereżempju, issa qed jiġu offruti fiċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva stess ħalli l-prevenzjoni u d-dijanjosi jsiru f'ambjent komdu u aċċessibbli. Il-kura ta' respite ukoll għaddiet għal mudell ġdid aktar flessibbli li jagħti lill-familji l-libertà li



jagħżlu huma d-dar tal-kura liċenzjata li jippreferu.

Il-ħsieb wara dawn l-inizjattivi huwa sempliċi: servizzi personalizzati u b'viżjoni li tħares 'il quddiem. Inizjattivi bħal "Qatt Mhu Tard" juru li l-anzjanità għandha tkun żmien meta wieħed għadu jista' joħlom, joħloq u jgħix b'sens ta' skop. Dan il-messaġġ ta' tama u rispett personali huwa dak li jimbotta lill-ħaddiema u l-entijiet kollha biex jaħdmu flimkien ħalli joffru l-aqwa servizz. Malta qed tibni ġejjieni li, fih, l-anzjanità ma tkunx sinonima mal-iżolament, imma mal-involviment, il-valur u r-rikonoxximent. Dan mhux biss bil-kliem fieragħ imma sostnut b'azzjoni konkreta ta' kuljum, f'kull pass li nieħdu.







# Apprezzament

## Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jsellem il-memorja tal-Arċisqof Emeritu, il-Monsinjur Pawlu Cremona OP

L-Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu 2025 fl-età ta' 79 sena. Imwieled il-Belt Valletta fil-25 ta' Jannar tal-1946, il-Monsinjur Cremona serva bħala l-Arċisqof ta' Malta bejn is-26 ta' Jannar 2007 sa meta, fit-18 t'Ottubru 2014, ħabbret ir-riżenja tiegħu, minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Huwa ħa l-edukazzjoni primarja fl-iskola tal-Montessori tal-Belt u l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċeo. Ingħaqad mal-Ordni Dumnikan f'Settembru tal-1962 u pprofessa fl-istess Ordni nhar id-29 ta' Settembru 1963. Studja l-filosofija u t-teoloġija fil-Kulleġġ ta' San Tumas t'Akwinu fil-kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat u ġie ordnat saċerdot nhar it-22 ta' Marzu 1969. Kompla javvanza fl-istudju tat-teoloġija morali fl-Università Pontifiċja ta' San Tumas t'Akwinu ta' Ruma, minn fejn kiseb id-Dottorat fl-1973 bit-teżi, *The Concept of Peace in Pope John XXIII*. Sal-1973, kien jgħallem it-teoloġija morali fil-Kulleġġ ta' San Tumas t'Akwinu. Fil-Provinċja Dumnikana, Cremona serva bħala Provinċjal bejn l-1981 u l-1989. Kien kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna ta' Fatima fi Gwardamanġa bejn l-1989 u l-1993 filwaqt li, bejn l-1993 u l-1997, kien responsabbli mill-formazzjoni tan-novizzi u l-istudenti Dumnikani fir-Rabat; uffiċċju li reġa' kellu għal żmien qasir ieħor bejn l-2004 u l-2005 meta Patri Pawl Cremona kien maħtur Kappillan tal-Parroċċa ta' Ġesù Nazzarenu, f'Tas-Sliema.

Patri Pawl serva wkoll bħala President tal-Konferenza tas-Superjuri Maġġuri bejn l-1984 u l-1987, kien President tal-Kunsill tal-Formaturi tal-Ħajja Reliġjuża bejn l-1993 u l-1995 u kien ukoll delegat tal-Arċisqof għall-Ħajja Konsagrata sa mill-1995. Fl-1994, huwa ngħata l-midalja *Pro Ecclesia et Pontefice*.

Fl-1978, Patri Pawl Cremona ppubblika l-ktieb, *L-Abort* - Ħajja *jew Mewt* u, fl-1988, it-teżi tiegħu, *The Concept of Peace in Pope John XXIII*. Ippubblika wkoll il-ktieb, *Il-Knisja Ikona tat-Trinitá Qaddisa* kif ukoll, flimkien ma' Patri Ġorġ Frendo, Isqof ieħor Dumnikan, tliet kotba fuq it-temi tat-tliet snin ta' tħejjijia għas-sena 2000 u dwar l-Ewkaristija fis-sena 2000.




# Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jsellem ukoll il-memorja ta' Monsinjur Victor Grech

Monsinjur Grech twieled Bormla, iggradwa mill-Università ta' Malta u, wara li kien ordnat saċerdot, serva bħala Viċi Rettur u Rettur tas-Seminarju. Fl-istess ħin, huwa kien ukoll Direttur Nazzjonali għall-Vokazzjonijiet. Inħata l-*visitorship* tal-*British Council* u kien ukoll Lettur Viżitatur fil-Fakultà tat-Teoloġija kif ukoll Lettur ta' suġġetti reliġjużi u soċjali fil-*Mater Admirabilis Teachers' Training College*. Mons. Grech għen ukoll biex titwaqqaf l-ewwel kommunità ta' saċerdoti Maltin fil-Brażil u kkollabora ma' Monsinjur Delleport fit-twaqqif tal-*European Seminary* f'Maastricht. Fl-1977, Monsinjur Victor Grech inħatar Delegat tal-Arċisqof għall-ħidma soċjali u karitattiva fil-Knisja. Ftit wara, sar Direttur tal-Caritas Malta u introduċa s-servizzi soċjali professjonali fl-istituzzjonijiet tal-Knisja. Huwa waqqaf ukoll l-Aġenzija Caritas u l-komunità ta' voluntieri mħarrġin biex jappoġġjaw is-servizzi offruti.

Grech kellu missjoni ċara; dik li jiġġieled il-faqar u jippromwovi l-iżvilupp uman u l-ġustizzja soċjali, waqt li jassigura li d-drittijiet fundamentali u d-dinjità ta' kull persuna jkunu rispettati u salvagwardati. Bil-ħidma tiegħu, Mons. Grech bidel il-mod kif is-soċjetà tittratta kwistjonijiet relatati mad-droga, l-alkoħol, il-faqar u l-inġustizzja soċjali. B'ħidmietu, huwa ta xhieda tat-tifsira vera tal-ispirtu ta' solidarjetà u l-ħidma volontarja, kemm fuq livell lokali u anki fuq dak ewropew.

Fl-1984, Monsinjur Grech waqqaf il-Proġetti tal-Caritas għall-Prevenzjoni u r-Rijabilitazzjoni mid-Droga u, fl-1985, waqqaf l-ewwel Kommunità Terapewtika għal dawk li jabbużaw mid-droga f'Malta, ta bidu għall-ewwel xelter residenzjali għall-irġiel u għan-nisa u fetaħ Dar għar-Rijabilitazzjoni ta' Priġunieri bi problemi ta' droga. Monsinjur Grech kien il-Fundatur u l-ewwel Ċermen tal-Fondazzjoni tal-Caritas għar-Rijabilitazzjoni tad-Drogati.

# The pencils

***An enlightenment by Liz Bajada***



Peter and Meg were looking forward to the summer holidays. Not only because the dark and wet, wintry days were now over but also because they could join their cousins, Tom and Liz, on their grandparent's farm. Grandma Pat was no scholar and could hardly write her own name but she was a great storyteller and the children loved to sit on the floor around her, listening to stories about the time when she was very young.

One afternoon, after having tea and wiping off the plate every crumb of the wonderful cake that Grandma had made for them, Peter, Meg, Tom and Liz ran over to where she was sitting on her favourite rocking chair. Usually, she would be busy

knitting or sewing. However, to their surprise, this time she was turning around in her hand four pencils. She was looking at them intently. They were of different shapes, colours and sizes. The children stopped in front of her, surprised at what she was doing. She slowly looked up with a smile on her face. "You know what?" she told them. "These four pencils remind me of you four children. If you sit down, I will tell you why. As you can see, each pencil is different from the other but they all have a purpose. So are you four. Different sexes, heights and ages."

At this, Grandma took a piece of paper which was on the table next to her chair and drew four lines with the four pencils. Putting up the paper in front of the children she continued, "As you can see, the lead in each pencil has left its own, distinctive mark. They are different but each one, in its own way, is beautiful. Also, at the end of the pencil you will find a rubber so that you can erase any mistakes done. We too must learn from our mistakes and correct them so that we have a better and brighter future."

"Unfortunately," continued Grandma, "life is not always easy. However, just as we sharpen a pencil so that it writes clearer and better, so will the trials in life sharpen you so that you will grow stronger in character. Also, you might think that the long and slim pencil is nicer than the short and stumpy one. This is not so. You see, what is important is not what you see on the outside but what is on the inside. A good pencil will always serve its purpose. And so will you so long as you are kind, generous and loving. You must always remember that, like your parents, God loves you as you are, unconditionally. He will guide each one of you so that you can leave your own mark; help you through the hard parts of your life so that you come out of your trials even stronger. He does not measure you by your intelligence or by your power but by what is inside your heart."

The children looked at each other. She was right! The four of them were totally different from each other, both physically and in their characters. They had never thought about this.

"Grandma," said Meg thoughtfully, "I can understand the part played by our parents because they are here and we can see them. But we can't see God. How do we know that He accepts us as we are?"

Grandma looked lovingly at the young, wise girl and, blessing her in her heart, she said: "You can imagine that, as a young boy, even Jesus loved to play hide and seek with his friends. Now, that He is no longer on this earth, He still plays it with us! You just have to know where to look for Him."



"Where?" asked the four kids together.

"Very simple," replied grandma. "There are three places where you can find Him. The first is in the tabernacle in church when you go to visit him. The second is in the Host when you receive Him during mass." Here, Grandma paused for a short moment and then, smilingly, continued: "And the third place is within yourselves! As long as you are good, loving and generous with others, Jesus will always be right there, in your own heart!"



# Is-Surmast Ġużeppi Fenech tan-Naxxar 1917-2010

*Kitba ta' Peter Paul Ciantar*

Tul il-karriera tiegħi bħala xandar, iltqajt ma' diversi personaġġi fil-qasam tal-mużika. Kont nagħmel dan l-aktar biex nuża l-vuċi u l-mużika tagħhom fil-programmi mużikali li kont nippreżenta, l-aktar dak ta' kuljum *Siesta*, fuq l-istazzjon F.M.Bronja. Għadni niftakar meta ltqajt mas-Surmast Ġużeppi Fenech tan-Naxxar. Kont mort id-dar tiegħu quddiem il-Każin tal-Banda Għaqda Mużikali Vittorja. Laqagħni aktar minn b'idejh miftuħin. Mill-ewwel offrieli grokk, għax kien il-bard, imma għidtlu li ma nixrobx. Qalli pront pront, "Grokk kultant jagħmillek tajjeb!" u tbissem.

Din kienet l-ewwel darba li ltqajt miegħu u ħassejtni qisni ili nafu minn ferm qabel. Urieni l-pjanu li kien fl-ewwel kamra kif tidħol. Kien jidher li fuqu sar ħafna daqq. Anki s-Surmast Fenech ma kienx żgħir meta ltqajt miegħu imma kien għadu mimli enerġija. Beda jirrakkuntali ħafna mill-esperjenzi mużikali tiegħu waqt li, fuq il-pjanu, idoqq passaġġi li kien jaf sewwa mingħajr ebda karti tal-mużika u, kull ħaġa li nistaqsih, iweġibni b'għerf u b'ħila kbira.

Qalli li, jekk ikolli bżonn xi ħaġa, nistaqsih, ma niddejjaq xejn. Ħassejtni ta' ġewwa miegħu u għidtlu li xtaqtu jirrikordjali s-*signature tune* ta' programm ġdid li kien ser ikolli ftit ġimgħat wara. "Isbaħ din, ħaġa żgħira. Għidli sewwa xi trid u ħalli f'idi." Jien ktibt erba' linji mużikali u għidtlu x'ridt: nibda bit-trombi u naqleb orkestra. Għidtlu ma xtaqtx itwal minn minuta għax ridtha bħala *signiture tune* tal-programm, *Laudemus*. Dan kien programm għal kull nhar ta' Ħadd filgħodu fuq F.M.Bronja. Fih, jien u l-ħabib tiegħi, John Zammit minn B'Kara, konna nitkellmu dwar għażliet ta' mużika sagra ta' diversi kompożituri.

Oħroġ il-għaġeb, ftit jiem wara, it-tifel tiegħu, Victor, ġie Xandir Malta bir-*recording* tal-mużika fuq *CD*. U mhux hekk biss, kitibli l-partitura għall-pjanu, bl-akkordji b'kollox, kif ukoll infurraha b'*cover* iswed. Stagħġibt għax lanqas biss kienet għaddiet ġimgħa u għax tani riżultat ħafna aktar milli stennejt. Domt indoqq din is-*CD* bħala *signature tune* tal-programm daqskemm dam il-programm u, kull darba, niftakar fil-ġentilezza ta' ġentlom kbir li kien dan il-bravu Surmast, Ġużeppi Fenech tan-Naxxar.

U bir-raġun ngħidlu bravu s-Surmast Ġużeppi Fenech. Dan l-aħħar, smajt xi mużika tiegħu u tassew għoġbitni, speċjalment, *Missa Sancte Joseph* li għandi *recording* tagħha. Xtaqt inkun naf iżjed dwar din il-quddiesa u dort għall-ktieb kolossali ta' Joe Vella Bondin, *The Great Maltese Composers*. Fittixt l-isem tal-kompożitur Joseph Fenech u sibt ħafna aktar tagħrif milli stennejt.

Sibtha l-quddiesa tal-1980, *Missa Sancte Joseph*, li qiegħda għal solisti, kor u orkestra. Inkitbet għall-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju tal-ordinazzjoni ta' saċerdot li kien jiġi zijuh, il-magħruf organista Dun Karm Scerri. Indaqqet għall-ewwel darba fl-ewwel ta' Ġunju tal-istess sena fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar. Bejni u bejn ruħi għidt li, allura, dik kienet l-okkażjoni meta ltqajt mas-Surmast Fenech biex jitkellem miegħi dwar l-eżekuzzjoni tagħha li kien qed jistenniha b'ħerqa kbira.

Is-Surmast Fenech kien jaf li għandu kompożizzjoni tajba li turi l-maturità mużikali qawwija tiegħu, l-aktar fil-kitba tal-mużika sagra. Fil-fatt, għal ħafna snin, huwa kien *Maestro di cappella* u organista tal-Knisja Maria Bambina tan-Naxxar. Għamel żmien kien anki organista fir-Rotunda tal-Mosta.

U, bħalma jgħid il-Malti, ħaġa ġġib lill-oħra. Komplejt naqra dwar is-Surmast Fenech u sibt li għandu *Ave Maria*, (kompożizzjoni qasira) iddedikata lit-Tenur Andrew Sapiano. Tbissimt u, minnufih, ftakart li kien Andrew Sapiano li introduċieni mas-Surmast Fenech. Sibt ukoll li Ġużeppi Fenech twieled fl-1917.

Dan il-kompożitur ħadem ħafna fil-qasam tal-mużika. Għax-xogħol li għamel u s-sehem tiegħu fil-mużika, tista' tgħid li ħajtu kienet biss il-familja u l-mużika. Ta' tnax-il sena, kien organista fil-Knisja tan-Naxxar. Minbarra dan, kien ukoll pjanista. Is-Surmast Pawlu Nani kien jaħlef bih u Ġużeppi Fenech kemm-il darba ħa sehem mal-orkestra tal-*British Institute*. Is-Surmast Carmelo Pace wkoll talbu l-għajnuna tiegħu, l-aktar f'koordinament mal-kunċerti tal-*Maltese Cultural Insitute*.

Is-Surmast Fenech kien jgħin ukoll lil zijuh, Dun Karm Scerri, meta dan kien responsabbli mill-i*Schola Cantorum tan-Naxxar.* Kien ukoll għalliem tal-mużika fl-iskejjel tal-Gvern. Kien pjanista ma' Jimmy Dowling fil-banda tiegħu. Fenech kien kapaċi wkoll jinterpreta l-mużika *jazz* bil-pjanu. Rebaħ kompetizzjonijiet ta' mużika serja organizzati fl-imgħoddi mir-*Rediffusion*. L-aktar li kkompona kienet mużika sagra, fosthom risponsorji għall-Ġimgħa Mqaddsa u aktar. Għandu wkoll mużika oħra, mużika orkestrali u *musica da camera*. Hekk kienu l-antiki tagħna; jaħdmu bla heda. Il-ħaġa kienu jagħmluha bil-qalb u mhux b'nofs ħeġġa.

Is-Surmast Ġużeppi Fenech twieled in-Naxxar, għex in-Naxxar u, għal erbgħin sena sħaħ, ħadem l-aktar fil-Knisja tan-Naxxar bħala organista. Kien persuna li tat ħajjitha għall-mużika f'pajjiżna. Miet fl-2010 ta' tnejn u disgħin sena.

# Xoxò ta' Ħal Ballottra

*Novella ta' Anthony Said minn Floriana*

"Wasalt jien, Xox," qalet Lureta kif daħlet mill-bieb imbexxaq tar-razzett u sabet ruħha ġo bitħa dellija b'dielja kbira u mimlija qsari tas-sardinell u l-ġeranju. Sofia ħarġet u Lureta rat li l-mara kienet qisha naqset ftit ieħor u tħattbet naqra iżjed.

"Ara Lureta, kemm tħobb tiġi tarani!" qalet b'leħen u b'ton li kien juri li għamlet xi żmien f'ambjent barra r-raħal. "X'ġabek hawn!"

"Għandi xi ordnijiet għall-fniek u t-tiġieġ," qaltilha Lureta, "u ġejt narak għax ili ftit ma niġi."

"Jekk ma tiġix int, ħadd ma jersaq 'l hawn," qalet Sofia b'naqra kisra f'leħinha, "u, issa, l-irziezet ta' madwari, kollha tbattlu."

Sofia Magri kienet mara xwejħa, tgħix weħidha ġo razzett imdaqqas imdawwar bl-oqsma tiegħu. Twieldet fl-1915, l-aħħar minn disa' wlied ta' familja ta' bdiewa imma l-ħajja rurali qatt ma kienet tgħodd għaliha, almenu, meta kienet għadha żagħżugħa. Ta' sittax, bdiet turi antipatija lejn ir-razzett u l-biedja u, saħansitra, anki lejn ir-raħal. Sofia kienet tfajla li bosta ġġennu warajha imma ebda ġuvni mir-raħal ma rnexxielu jinteressaha; lanqas dawk li kienu tal-flus jew ta' professjoni. Sentejn wara, għosfrot u għalxejn il-familja tagħha fittxewha għax kienet qisha nbelgħet mill-art.

Sofia ma kellha ebda intenzjoni li tmur lura fil-kampanja u, dakinhar li għaddiet mill-Bieb tal-Bombi, ħalfet li ma terġax toħroġ minnu ħlief imkeffna ġo kaxxa! U hekk bdiet il-ħajja movimentata u pubblika ta' Sofia Magri.

So-So-Sofia, ħelwa Maltija,
Iżfnilna ftit u dum kemm trid.
L-*Army* u n-*Navy* kollha kelma waħda;
*Sophie the best, forget the rest!*

Hekk kienet tgħid kanzunetta li kkomponhiela wieħed mill-mużiċisti li kienu jdoqqu fil-ħwienet tal-baħrin. Kien minn hawn li ddubbat il-laqam ta' Xoxò. Tgħallmet tkanta u t-*tap-dancing* u kienet tidolizza r-reġina tas-samba, Carmen Miranda, kif ukoll lill-attriċi żbukkata tal-films, Mae West. Saret popolari fost dawk li kienu jiffullaw il-ħwienet tax-xorb u divertiment, anki fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija. Imma ż-żmien ma jeħlisha lil ħadd u, sa nofs is-snin ħamsin, ix-xorb, is-sigarretti u ż-żina bdew jagħmlu tagħhom. Il-ħalfa li kienet għamlet quddiem il-Bieb tal-Bombi snin qabel ma baqgħetx daqshekk qawwija u, jum wieħed, fil-bidu tal-1956, għamlet dak li qatt ma basret li tagħmel. Il-mara li tfaċċat fuq l-għatba tar-razzett ta' Magri f'Ħal-Ballottra kienet biss dell ta' dik li ħarġet minnu aktar minn għoxrin sena qabel. Minkejja t-tikmix fil-wiċċ, ix-xagħar imgerfex u l-ħwejjeg li, xi darba, kienu l-aħħar moda, ommha mill-ewwel għarfitha u laqgħetha bl-istess imħabba li ntlaqa' l-iben il-ħali. Hekk, Sofia bdiet il-ħajja sempliċi ta' bidwija. Biż-żmien, ommha ħalliet id-dinja u Sofia baqgħet weħidha; taħdem l-egħlieqi u trabbi t-tiġieġ u l-fniek.

Lureta kienet tħobb tmur għand il-ħabiba tagħha darba kultant u ż-żewġ nisa joqogħdu jitkellmu fuq kikkra tè u żewġ biskuttelli. Intant, meta sar il-ħin biex tmur lura lejn id-dar, Lureta ġabret il-basket lumi li tatha Sofia u qabdet it-triq għar-raħal.

Kif kienet għoddha waslet fejn in-niċċa ta' Sant'Anna, mal-kisra fit-triq, semgħet xi ilħna. Ittawlet u rat żewġt irġiel żgħażagħ, bil-*business suit*, jitkellmu bejniethom. Wieħed kien qed jipponta sebgħu lejn ir-raħal iż-żgħir li, minn dak l-għoli, kien jidher qisu ġo ħofra mdawwar bil-ħarrub u l-bajtar tax-xewk.

"Ara, Cliff, dak li qed tara kollu ser jibqa' għax is-sidien mhux ser imissu l-bini," qal wieħed minnhom. "Imma, minn ġewwa, ser jinbidel kollox."

"Iva, Deo, rajt il-pjanti tal-periti." kompla l-ieħor. "Ser ikun hemm naqra *landscaping* tal-ġenn! Kulma rridu, issa, huwa li neħilsu minn dik ix-xiħa u l-proġett jista' jibda. Imxi ħalli mmorru nieħdu r-ritratti."

Kif semgħet hekk, Lureta nħasdet, daret u ħaffet lura lejn ir-razzett ta' Sofia. Dik, kif semgħet dak li qaltilha ħabibitha, daħlet ġewwa u ħarġet lura b'senter f'idha.

"Madonna tal-Ħniena, x'ser tagħmel, Xox?" qalet Lureta kollha mwerwra kif rat l-arma.

"Dak li qatt m'għamilt, Luret," qalet Sofia u lebbtet 'il barra biex tfittex lil dawk it-tnejn b'Lureta tħuf warajha. Ma damux ma sabuhom iduru mal-knisja jieħdu r-ritratti bil-mowbajl. Cliff kien wara sieħbu u ħass xi ħaġa iebsa ma dahru. Kif dar u ra l-kanna tas-senter ippuntata lejn sidru,



berraq għajnejh, wiċċu bjad u geddumu ddendel.

"D ... Deo ... ħa ... ħares ftit," temtem Cliff li, bilkemm seta' jitkellem. Sieħbu dar u, kif ra l-mara bis-senter, huwa wkoll inħasad, poġġa l-mowbajl fil-but ta' ġewwa u għolla jdejh quddiemu.

"Ikkalma, sinjura, m'aħna ser nagħmlulek xejn," qal b'naqra rogħda f'leħnu.

"Iva, gustuz? Intom dawk li tridu teħilsu minni?" staqsiet Sofia bla tlaqliq. "Jekk iva, tistgħu tmorru lura mnejn ġejtu għax kollu ta' xejn. Jien hawn ser nibqa'!"

"Naħseb li ma tafx kif inhuma l-affarijiet, sinjura," qal Deo hekk kif kien ser idaħħal idu fil-but imma l-mara għolliet is-senter u l-kanna kważi messet ma' geddumu. Il-ġuvnott għolla jdejh.

"Ħalli jdejk fejn narahom u morru poġġu fuq dak il-bank," ordnatilhom Sofia. L-aġenti obdew u niżlu bilqiegħda fuq bank tal-ħadid mal-ħajt tal-knisja.

"X'inhu dal-proġett li ser isir hawn?" qalet Sofia. "Jaqaw bagħtukom dawk li qed iħassru l-pajjiż kollu, jibnu bl-addoċċ, fejn ġie ġie? Imma hawn mhu ser isir xejn għax la jien u lanqas ħuti m'aħna ser inħallukom teqirdu dar-raħal. Ma kissirtux biżżejjed f'inħawi oħrajn? Hawn ukoll tridu ttertqu?"

Deo ħares lejn sieħbu li kien għadu maħsud. Imma, għall-kuntrarju ta' Cliff, Deo kien frisk bħal ħassa u, kif dar iħares lura lejn Sofia, kixef snienu fi tbissima li bagħtet dehxa bard max-xewka ta' darha. Il-ġuvnott sallab saqajh, intefa' lura u firex dirgħajh fuq id-dahar tal-bank qisu qiegħed fuq xi divan.

"Mela, tajjeb tkun taf li huma niesek stess li qabbdu l-kumpanija tagħna biex nikkoordinaw dan il-proġett!" qalilha Deo b'mod kunfidenti għall-aħħar minkejja li s-senter kien għadu mmirat lejh. "Ħutek, li kienu l-Istati Uniti u l-Kanada, mietu imma l-familji tagħhom jafu sew li dar-raħal, inkluża dil-knisja, huwa kollu proprjetà tagħhom, raw il-potenzjal u ser jiżviluppawh."

"Imma r-razzett tiegħi ħadd mhu ser jiżviluppah!" għajtet Sofia li ħassitha ttraduta minn niesha stess. "Jien hemm ser nibqa'!"

"Dak l-iżball li għandek sinjorina Xoxò għax dak ir-razzett mhuwiex tiegħek u qatt ma kien!" kompla jgħid Deo li kien jidher infurmat sew. "Fl-1933, meta int ħrabt mid-dar biex tmur titlajja fil-ħwienet ta' Strada Stretta, missierek, tant ħadha bi kbira li qatgħek mill-wirt u dawwar kollox fuq ħutek is-subien. Int u ommok, meta kienet ħajja, kontu qed tgħixu f'dak ir-razzett bil-barka ta' ħutek. Nerġa' ngħidlek, int xejn m'għandek f'ismek; lanqas it-tiġieġ u l-fniek li hemm jiġru ġo fih mhuma tiegħek."

Sofia niżżlet is-senter u bdiet tħoss rasha ddur biha tant li Lureta kellha twiżinha. Kif ra hekk, Deo qam, qafel il-ġlekk, dar fuq sieħbu u, b'sarkażmu, qallu, "Imxi Cliff, għax is-sinjorina Xoxò mhix qed tħossha fiha! Naħseb li tajnieha biżżejjed aħbarijiet ħżiena għal ġurnata waħda!"

"Ja qatta' ħallelin u briganti!" għajtet b'leħen iddisprat Sofia. "M'hemmx infern kiefer biżżejjed biex tindannaw fih!"

"Sinjura, għalxejn toħodha kontrina. Aħna sempliċi aġenti." qalilha bil-kalma kollha Deo hekk kif ħares lura lejha qabel kompla miexi. "Ir-rabja u t-theddid aħjar terfagħhom għal meta jiġu t-tfal ta' ħutek biex iqalftuk 'il barra!"

Lureta ma riditx tħalliha waħidha għax ratha nkwetata sew. Wara li Sofia qaltilha, għal darba darbtejn, li għaddhiela, l-anzjana marret id-dar b'qalbha maqsuma u ma kinitx taf jekk kellhiex tmur aktar ta' spiss għand Sofia biex tara kif għaddiet. Tlitt ijiem wara, xi kaċċaturi li kienu ġejjin mid-dura kmieni filgħodu sabu lil Sofia bilqiegħda fuq l-aħħar tarġa tas-salib li hemm quddiem il-knisja. Mill-ewwel indunaw li l-mara kienet bla ħajja u marru jiġru l-għassa tar-raħal jagħmlu rapport. Kien hekk li intemmet, b'mod l-aktar traġiku, il-ħajja ta' Xoxò Magri, il-benjamina ta' Strada Stretta u l-għajb ta' Ħal Ballottra.

# Il-mixja tal-bniedem

***Poeżija ta' Anthony J. Saliba minn San Pawl il-Baħar***

**Mill-għar għal ġol-għorfa,**
**mid-dar għall-palazz;**
**minn ċattra għal dgħajsa**
**tal-qlugħ jew vapur;**
**mir-rota għal karru,**
**karozza jew tren,**
**bħat-tajr xtaq li jimraħ**
**sa saq ajruplan!**

**U dan mhux biżżejjed**
**għax ħolom bl-ispazju**
**u rifes il-qamar**
**u Mars b'tant taħbit**
**bit-tama, xi darba**
**min jaf, jirnexxilu**
**sa jasal il-Ġenna,**
**ħdejn Alla 'nfinit!**

# Il-pitazz tar-rigi dojoq

***Kitba ta' Carmen Dimech***

Iltqajt miegħu kumbinazzjoni. Iddeċidejt li narmi skoss affarijiet li kienu ilhom jiġbru t-trab snin twal u, fil-wiċċ, nilmaħ lil dan il-pitazz jitbissimli minn qalb l-imbarazz. Ma stajtx ma niġbrux u hu dlonk irringrazzjani talli salvajtu milli joħduh biex jagħmluh trietaq għar-riċiklaċċ tal-karta. "U min jista' jgħid fiex kont insib ruħi iktar 'il quddiem!" qalli tar-rigi dojoq. "Jien nippreferi mmur lura fiż-żmien u nerġa' nibda ngħallem lil dawk it-tfal ħelwin u ngħinhom biex jitgħallmu jiktbu dritt. Għax, meta t-tfal jibdew jippruvaw jiktbu xi ħaġa, għall-ewwel, il-kitba tagħhom tkun qisha xorbot il-*whiskey*!" Imbagħad, il-pitazz qalli: "Insomma, issa li rġajna ltqajna, aqtagħli xewqti u ħudni sal-Iskola Primarja ta' Sant Jiermu tal-Belt, fejn kont naħdem jien!"



"U mela le?" għidtlu; "Għal daqshekk?" U tlaqna. Ma domniex biex wasalna. Il-bini hemm għadu u, fortunatament, inzertajnieh vojt għax it-tfal, l-għalliema u l-purtinari bil-vaganzi u l-*watchman* ma jiġix qabel filgħaxija. Ħabat tajjeb u tlaqna nduru flimkien.

Bdejna minn fejn kienet il-klassi ta' *Stage one*. "Tiftakar," lissen il-pitazz b'ċerta nostalġija, "dawk is-siġġijiet żgħar misbugħin ċelesti u dawk l-imwejjed baxxi? U l-għalliema bl-i*stickers* tal-kartonċin tipprova tgħallimkom in-numri mill-*one* sat-*ten*?"

"Dażgur li niftakar," għidtlu; "niftakar u ngħid! U, f'nofs dik l-ewwel sena, kienu introduċewna għall-ewwel darba mal-lapes *HB* kif wkoll ma' lapsijiet oħrajn tal-kulur. U, f'idejna, beda jkollna xi ktieb b'ħafna stampi ħalli npinġuhom."

"Imxi ftit ieħor," kważi ordnali l-pitazz, "għax, fil-klassi ta' ħdejn din, kontu tlajtu *Stage two*. Tiftakar?"

"U mela ma niftakarx," erġajt jien, "U, hawn, mal-lapes, kienu tawna wkoll ix-*sharpener* ħalli, jekk tinkisrilna l-ponta, inkunu nistgħu nerġgħu nittemprawh. Ma nafx li hemm kliem ieħor bil-Malti għal dawn l-affarijiet kollha. Forsi konna ngħidu 'dik li tittempra l-lapsijiet?' Niftakar ukoll li, fit-tarf l-ieħor tal-lapes, kien ikun hemm gomma ċkejkna biex, jekk nieħdu żball, inkunu nistgħu inħassru u nerġgħu niktbu mill-ġdid. Imma, għall-ewwel, dak iż-żmien, iktar konna nqattgħu l-folja milli nsewwu l-iżball!"

"Nistgħu nibqgħu hawn s'għada," qalli l-pitazz, "daqskemm qed nieħu pjaċir inġedded il-memorji! Imma, issa, bdejtu tikbru u ser titilgħu *Standard one*."

Dħalna fi klassi oħra u, lill-pitazz, għidtlu: "Qed niftakar li, f'din il-klassi, bankijiet kien hawn mhux siġġijiet u, fil-wiċċ ta' kull bank, kien hemm żewġ toqbiet tondi u, f'kull toqba, klamar taċ-ċomb li, kull filgħodu, il-purtinara kienet tiġi u timlihom bil-linka. Għax, issa, laqqgħuna mat-tokka u mal-pinna. Konna għadna mingħajr esperjenza u, għalkemm anki l-karta xuga tawna, iktar konna nċafalsu l-bankijiet milli niktbu. M'hemmx għalfejn ngħidlek, erħina nċappsu ħwejjiġna u nimlew is-swaba' ta' jdejna kollha linka. Sa ma waslet fostna l-kiesħa, imma sabiħa, *fountain pen*. Issa, verament, bdejna nħossuna li kbirna tassew u tgħidx kemm konna nitkessħu biha wkoll. Kemm kienet tikteb pulit! Kienet kiesħa, veru, imma kellha biex titkessaħ ukoll. Kont timliha bil-linka u kienet iddum tikteb ftit mhux ħażin qabel ma kien ikollok terġa' timliha. Imma kollox għandu tmiemu. Ħajjitha ma tantx kienet twila wisq għax ma damitx ma bdiet l-*era* misħuta ta' armi u erġa' ixtri. Post il-*fountain pen* ħadithulha l-*ballpoint pen*, jew aħjar, il-*biro*." Hawnhekk, dort fuq il-pitazz tar-rigi dojoq u għidtlu: "Imħatra li l-aħħar skoperta għadek ma tafhiex!"

"Kif tridni nkun nafha," qalli l-pitazz kważi mfantas, "daqskemm kont ili midfun fil-*boxroom*! X'inhi?" ried ikun jaf.

"Issa," weġibtu, "la għandhom bżonn lapes, la tokka, la pinna, la *fountain pen* u lanqas *biro*. Għax, issa, kulħadd jikteb b'sebgħu u ma trid toqgħod tixtri xejn biex tikteb biha. Għadek ma tafx xi skoperta dik!" għidtlu bi tbissima sarkastika.

"Mela ħa ngħidlek xi ħaġa," qalli l-pitazz, "u din ħożżha u xtarrha sewwa. Naħseb li, bħal ħafna oħrajn, xi darba, int mort Ruma wkoll. U, naturalment, mort il-Vatikan. U anki rajt l-istatwa ta' Mosè maħduma minn Mikelanġelo. Hija d-drawwa li, bħala devozzjoni, kull min jidħol il-Vatikan, imiss u jbus is-sieq ta' din l-istatwa. Ovvjament, miss illum u miss għada, avolja tal-bronż, din is-sieq, biż-żmien, bdiet tittiekel u tillixxa tant li l-awtoritajiet ħassew li għandhom jieħdu prekawzjoni ħalli ma ssirilhiex iktar ħsara. Allura nħallik timmaġina," kompla jgħidli l-pitazz, "kif ser issir il-povra ġilda rqiqa tas-swaba' tat-tfal li, sa minn meta jkunu għadhom fil-*push-chair*, jagħtuhom xi *gadget* minn dawn tal-lum ħalli jibdew jidraw jiktbu b'subgħajhom. Imma, aħjar inkomplu nimxu," kompla l-pitazz, "għax il-ħin qed jagħmel u baqa' iżjed x'naraw. Pereżempju, qed niftakar meta aħna l-pitazzi, u anki l-kotba, konna nsiru riħa tinten ta' żejt tal-ħuta."

"Illaħwa," għidtlu, "x'qed tfakkarni! Mid-dar, konna nġibu magħna magħrfa mgeżwra ġo karta u, magħha, konna nġibu

wkoll biċċa lumija biż-zokkor ħalli, kif ibellgħuna dik il-ħżunija, inkunu pronti nsoffu l-lumija biż-zokkor biex inneħħu t-togħma taż-żejt tal-ħuta minn ħalqna. U, ġol-bagalja tal-iskola, konna nġibu wkoll il-bott għall-ħalib u xi biċċa ħobż biż-żejt, jew bil-butir, għall-ħin tal-*break*; kollox mal-pitazzi u mal-kotba. Kien żmien ieħor, insomma!"

"Isma'," qalli l-pitazz, "jien qed niftakar f'xi ħaġa oħra wkoll imma ma nafx kemm tridni nfakkrek fiha għax, filwaqt li l-anzjani jħarsu lejja, u lejn il-kotba, b'ċerta nostalġija, mhux l-istess jista' jingħad għal dan is-suġġett imma li, xorta waħda, għandu konnessjoni mal-iskola ta' żmieni."

"Mela fiex qed tiftakar?" staqsejtu kurjuża.

"Kważi, kważi qed niddejjaq ngħidlek!" reġa' l-pitazz.

"Imm' issa jkollok tgħidli," weġibtu, "għax jien inbati naqra bil-kurżità!"

"Ara, ħa nagħtihielek bil-mod il-mod; forsi, sa ma nasal għas-suġġett, waħdek tinduna għal xiex qed nirreferi. Intom, li twelidtu fi żmien il-gwerra, fi tfulitkom, ħlief bini mwaqqa', ħofor, trabijiet u *trachoma* fl-għajnejn ma tiftakrux. Dak iż-żmien, in-nuqqas ta' ndafa kien l-ordni tal-ġurnata. Meta kontu tmorru l-knisja, kontu tpoġġu bilqiegħda fuq is-siġġijiet tas-soda u erħikom tħokku minħabba l-gdim tal-briegħed li kien ikun fihom. U, billejl, kontu torqdu fuq is-saqqijiet tal-ħaxixa li kienu bejtiet tal-baqq. Għaldaqstant, xejn ma tiskanta li x-xagħar tat-tfal ukoll kienu bejtiet tal-qamel; bil-pulit, konna ngħidulhom 'dud'. Tiftakar?"

"U dażgur li niftakar!" għidtlu. "Kultant, l-iskola, kienet tiġi s-Sinjora, jew l-*Inspectress,* u kienu jqallbulna xagħarna bil-lapes ħalli jaraw jekk għandniex dud. Niftakar ukoll lil ommi tiġbdilna xagħarna bil-pettne tad-dud, li kien tal-metall, biex tkun żgura li, jekk ikun hemm xi duda, tneħħihielna hi ħalli ma nkunux avveliti quddiem il-*miss*, meta mmorru l-iskola."

Kellu raġun il-pitazz isibha bi tqila biex jitkellem fuq dan is-suġġett antipatiku imma, dak iż-żmien, il-pettne tad-dud kien biċċa għodda ferm utli biex l-ommijiet ikunu żguri li wliedhom kienu ħielsa għalkollox minn dan l-insett tant moqżież li, illum, għall-grazzja t'Alla, m'għadekx tisma' bih bħal qabel.

"Grazzi pitazz tar-rigi dojoq talli erġajt fakkartni f'dan kollu. Inwiegħdek li, minn issa 'l quddiem, flimkien mal-kotba Ġabra ta' Ward u l-*Wild Thyme Reader*, lilek ser nibqa' nżommok bħala tifkira għażiża ħalli, minn żmien għal żmien, meta nħossni mtaqqla bit-tagħbija tas-snin, inkun nista' niftaħ il-paġni tagħkom u nerġa' nħossni tifla żgħira mill-ġdid."

# Kif jisbaħ

***Poeżija ta' Karmenu Mallia minn Ħaż Żabbar***



Kif jisbaħ filgħodu,
nittawwal fi ġnieni
u nilmaħ il-qsari
jitbissmu minn kmieni

għassiesa tal-ħemda.
Ix-xemx tkun ġa bdiet
tixxala, titbissem,
twassalli l-għanjiet

li jgħannu t-tenuri,
s-soprani. Xi ġmiel!
Bla naf, ġa jimlewni.
Dan kif? M'għandix ħjiel.

Tgħid qed tistennieni
maħbubti għall-kenn
'il bogħ'd minn kull ġerħa,
'il bogħ'd minn kull ġenn?

"Non feci mai male
ad anima viva."[1]
Nisthajjel tgħannili:
"Ma kont qatt kattiva!"

Tgħaxxaqni, tmexxini
fil-baħħ li jimtedd;
twerżaqli, taħjini,
fuq soddti, fuq nett.

Hemm siġra tferraħni,
kull ħin, tiġri miegħi,
lil qalbi timlieli
bil-ħdura tal-friegħi.

Dis-siġra, maħbubti:
qawsalla ta' lwien;
għanj' oħra li smajtu
jkantali s-Sur Żmien.

1 *"Qatt m'għamilt deni lil ħadd" mill-opra Tosca, ta' Giacomo Puccini*

# Mill-ktieb tat-tifkiriet
## *'Fjuri li ma Jinxfux'*
### tal-Professur Oliver Friggieri




# Bejn ir-rutina u l-festi

Il-jiem tal-ġimgħa kienu rutina waħda: quddiesa u tqarbina filgħodu, sigħat l-iskola, ftit ħin filgħaxija fil-klassi tad-dutrina u, fl-aħħar, xi programm fuq ir-*Rediffusion* u r-reċita tar-Rużarju. Is-Sibt kien jikser din il-monotonija: xejn skola, ftit li xejn studju, xi faċendi fid-dar, bħal kinsa u tfarfira u, imbagħad, il-ġirja lejn il-knisja għall-qrara. Għas-Sibt konna nilbsu ftit pulit u ommi kienet tħobb tlibbes iċ-ċoff lili u lil Herbert. Ma kontx nista' għalih, issikkat m'għonqi. B'xorti tajba, meta kbirt u sirt membru tal-Mużew, ħlist mill-ingravata wkoll. Min ivvintaha l-ingravata?

L-għodwa matul il-ġimgħa kienet immexxija biss ma' Malta kollha mill-programm ta' Carmen Carbonaro li kien jibda fl-għaxra u jagħlaq f'nofsinhar. Ir-*Rediffusion* (ir-radju ta' dawk is-snin u l-uniku mezz ta' xandir) kien ikun miftuħ sa minn kmieni u ommi kienet tistenna l-leħen ta' Carbonaro bil-ħerqa. Kull meta jien u ħuti nzertajna d-dar matul il-ġimgħa, kif ukoll kull nhar ta' Sibt, il-programm konna nisimgħuh bil-gost kollu. Kienet mara reliġjuża ħafna li għarfet tħallat il-fidi mal-ħwejjeġ komuni. Kienet tgħallem fuq il-ħajja tad-dar u mbagħad titlob lis-semmiegħa jġibu karta u lapes għax tkun waslet biex tagħtihom riċetta. Ommi kienet tkun lesta diġà mal-mejda, tistenna biex tikteb, ferħana li sabet xi ħaġa ġdida xi ssajjar. Il-kotra tan-nisa hekk kienu jgħidu; kienu jisimgħuha u joqogħdu fuq kliemha. Leħenha kien il-leħen li jaħkem waħdu tul l-għodwiet għal ħafna snin. Qabel ma l-politiċi ħadu l-ħakma kollha f'idejhom, nies bħal din il-mara kienu jżommu pajjiż f'sikktu u għenuh ikun kalm u mehdi bi ħwejjeġ li setgħu jfakkruh li hu poplu wieħed.

Kienet tagħlaq il-programm b'talba lil Alla jew lill-Madonna u aħna konna ntennu t-talba magħha. Maż-żmien, bdejt nitħajjar nibagħtilha xi poeżiji tiegħi u hi dejjem kienet taqrahom xi jumejn wara. Jekk kont ninzerta f'kamra oħra fejn ma stajtx nisma' r-*Rediffusion*, ommi, malli tisma' ismi, kienet issejjaħli. Kont nifraħ mhux ftit nisma' lil Carmen Carbonaro taqra l-versi tiegħi, daqsxejn ta' tifel, u din il-ħaġa għamlitli l-qalb biex inkompli nikteb.

Il-Ħadd kien jiġbor il-mistennija tal-ġimgħa kollha. Inqumu ftit aktar kmieni mis-soltu u mmorru l-knisja għall-quddiesa tagħna t-tfal tas-sebgħa. Il-knisja kienet tkun imballata bit-tfal: il-bniet fuq in-naħa tal-pulptu u s-subien fuq in-naħa l-oħra. Kienu jieħdu ħsiebna l-membri tal-Mużew u wħud minna kienu jkantaw, miġburin flimkien bħala kor fl-aħħar fillieri u mmexxijin mill-Prefett Sapiano. Wara l-quddiesa, konna niġru lejn id-dar fejn kellu jkun lest il-kolazzjon speċjali tal-Ħadd; tassew speċjali u skont menù fiss kull ġimgħa: bajda moqlija, biċċtejn fwied u żewġ roti mazzit. Il-kamra tal-ikel kienet tkun mimlija bil-fwieħa tal-ikel ġejja mill-kċina ċkejkna ċkejkna fejn ommi, fuq spiritieri li qatt ma riedet tbiddilhom, kienet tagħmel il-mirakli tagħha. Għal nofsinhar, kien ikollna ikel imsajjar għand Leli Tal-Forn. Fi tmiem l-ikla, kien ikollna xi flixkun xarba ħafifa u, xi drabi, pasta jew kannol jew kejk bil-passolina jew pudina tal-ħobż li ommi kienet tħobb tagħmlilna sikwit. Kienet terfa' l-ħobż xott apposta imma, kultant, kienet tagħtih lil Leli tal-Forn għall-fniek.

Il-qniepen tal-knisja kienu jimmarkaw il-ħinijiet ewlenin tal-jum: it-tmienja ta' filgħodu, nofsinhar u l-*Ave Maria*. Kull meta nzertajna d-dar, konna ngħidu t-talba li kienet tingħad minn fuq ir-*Rediffusion* f'kull wieħed minn dawn il-ħinijiet. Bil-lejl, għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu, kienu jqajmuni t-tokki mnikkta tal-qanpiena li kienet iddoqq Tal-Erwieħ. Dawk it-tokki solitarji, ħosbiena, għadni nismagħhom kull meta niftakar fihom. Tokki li jiksru silenzju perfett - ħaġa rari ħafna f'Malta.

Il-Ġimgħa l-Kbira, il-festa ta' San Publju, it-tberik, il-btajjel tas-sajf, il-bidu tas-sena skolastika, il-Milied: dawn kollha, wara xulxin, kienu l-okkażjonijiet ewlenin tas-sena tat-tfulija fil-Furjana fil-ħamsinijiet u fis-sittinijiet. Kollox kien ifuħ għalina: mil-lapsijiet ittemprati tajjeb, il-gomom, il-pitazzi tar-rigi dojoq jew wesgħin, sal-qamħ u l-ġulbiena. Programm żgħir, modest, ta' tant familji li ma xtaqux wisq iżjed milli kellhom u li, fil-ftit li kellhom, emmnu li kellhom biżżejjed jew, saħansitra, kollox. Iż-żmien tal-*benesseri*, li kellu jġiegħel lil kulħadd jittewweb bla ma jieqaf, kien fil-qrib. Imma, għalina t-tfal, kien għadu 'l bogħod biżżejjed biex lanqas biss noħolmu bih. Tassew li l-ferħ tal-bniedem jinsab f'kemm jirnexxilu ma jixtieqx iżżejjed. In-niket tiegħu jinsab hemm ukoll. Jekk l-iskop tal-ħajja hu l-feliċità, jista' jkun li r-riċetta tal-ftit ma kinitx ħażina. Irid jgħaddi ż-żmien biex tħares lura u tara t-triq sewwa.

# Il-Maneriżmi

***Kitba ta' Vincent Piccinino***



Kelma naqra tqila din imma, bil-paċenzja u daqsxejn bżieq, nispjegawha wkoll! Meta kont is-sekondarja, kellna għalliem tal-matematika, li kien jagħmel il-lezzjoni tiegħu bl-Ingliż u, bejn frażi u oħra, kellu vizzju jirrepeti l-kliem *"you know!?"* Daqqa b'ton ta' esklamazzjoni u oħra b'ton ta' interrogazzjoni. Biex nagħtikom eżempju, il-lezzjoni tiegħu kienet tkun xi ħaġa hekk: *"Pythagoras's theorem states, you know, that the square on the hypotenuse of a right-angled triangle, you know, is equal to the sum of the squares on the other two sides. You know? Now, you know, if I were to give it to you just liike that, you know, not everybody would understand what Pythagoras's theorem says. But, if I were to show it to you graphically, then, you know, everyone can understand exactly what I'm saying. You know?"*

Naturalment, repetizzjoni antipatika bħal din, it-tfal mill-ewwel jixorbuha u, ovvjament, wara ftit, ta' tfal li konna, tant ma domniex wisq biex nibdew nistennewha ġejja li, jekk xi darba nippretenduh li kien ser jgħidha u ma jgħidhiex, bilkemm ma konniex inħarsu lejn xulxin b'ħarsa ta' diżappunt fuq wiċċna. Kull darba li kien jgħidha, konna nitbissmu u hu kien iħares lejna skantat ma jistax jifhem biex qed nidħqu. *"What I'm saying is not funny! I'm serious, you know!"* U aħna iktar nidħqu bil-qalb. Spiċċajna ngħoddu kemm-il darba kien jgħidha u, wara l-lezzjoni, min jgħid li qalha tlieta u tletin darba u min iħaqqaq li anki iktar minn daqshekk ukoll. Tistgħu taħsbu x'konna qlajnihielu! Qatt ma konna nsejħulu s-Sur Sciberras imma konna nirreferu għalih bħala, il-*You know*.

Lanqas kien l-uniku għalliem f'din il-kategorija għax kellna wkoll qassis li, suppost, kien jgħallimna t-Taljan li l-laqam tiegħu kien l-*Esse impura, żeta u ġe enne,* għax donnu li dik il-lezzjoni biss kien ipprepara. Saħansitra lis-Surmast tal-Iskola konna ngħidulu, il-*My daughter* għax, kull darba li kien irid jgħallimna xi ħaġa meta kien ikellimna fil-bitħa wara t-talba ta' filgħodu, dejjem kien iġib eżempju bit-tifla tiegħu. Darba, meta ried ideffsilna f'moħħna biex kulħadd iġib it-tazza ħalli jieħu l-ħalib, anki wasal biex qalilna: *"My daughter has a cup and you should have a cup!"* Tinstema' redikola, naf, imma nassigurakom li dan li qed ngħid huwa kollu minnu.

Naf wieħed, tassew raġel mill-aħjar; veru tieħu gost titkellem miegħu sakemm tinduna li għandu vizzju li, kull erba' kelmiet, jgħidlek: *"ħa ngħid hekk!"* Ikolli qalb ngħidlu, jaħasra, aqbad u għid hekk mill-ewwel, mingħajr ma toqgħod tgħidli li ser tgħid hekk! Imma ma nkunx irrid niksru għax il-veru baħbuħ. Ħabib ieħor tiegħi (infatti, sieħeb ta' qablu dan) għandu manija li, kważi, wara kull sentenza, minflok jgħidlek 'eċċetra', jgħidlek 'u sebaħ u dalam' jew, 'insomma u dan'. Bilkemm ma nibdiex nistenna li, l-ewwel ser nara d-dawl, imbagħad, f'daqqa waħda, taqa' d-dalma u jinxtegħlu l-bozoz tat-triq. Oħrajn, wara kull frażi, tismagħhom jgħidulek: *"Orrajt?"* jew, *"Taf int!"* jew, *"Qed tifhem?"* Sa ftit tas-snin ilu, kellna anki ministru li kien intelliġenti u kien jitkellem tajjeb ħafna wkoll imma, wara kull sentenza, kien irid bilfors jgħidlek: *"Tajjeb?"* U llum għandna Membru Parlamentari Ewropew, tal-affari tiegħu, jaħdem u jaf jitkellem ukoll. Imma, meta jitkellem, irid bilfors jagħlaq kull argument bil-frażi "għax, fl-aħħar mill-aħħar," tant li, f'intervent ta' mhux iktar minn ħames minuti, jispiċċa jgħidha xi ħames jew sitt darbiet.

Ilkoll kemm aħna ġieli smajna, anki fuq ir-radjijiet u fuq l-istazzjonijiet tat-*television*, lil xi ħadd li, biex jitkellem, bejn espressjoni u oħra, donnu bilfors irid jinterpolizza billi jdaħħal fin-nofs il-kelma (jew il-mhix kelma): "*emme*". "Min jitkellem hekk, *emme*; jagħtik l-impressjoni, *emme*; li qisu lanqas jaf x'ser jaqbad jgħid u qisu li, *emme*; mhux ippreparat biżżejjed għax-xogħol li jkun qed jagħmel. *Emme*; ma nafx jien! *Emme*; tispiċċa titkellem waħdek mar-radju jew mat-*television*, *emme*; u jtik qalb tgħidlu: *emme*; aqlagħha xbin, għax, *emme*; qlajtli, skużi l-fwied! Li naf żgur hu li, *emme*; wara ftit, jibda, *emme;* jittikak!" Imbagħad hawn ukoll dawk li, kultant ħin, fid-diskors iħobbu jinfilsaw fin-nofs xi kelma favorita tagħhom bħal, ngħidu aħna, *"jiġifieri"* jew *"saħansitra"*. Min jaf? Forsi biex jimpressjonaw? Jew għax qatt ma jaqraw bil-Malti? Jew għax hekk tiddettalhom l-intelliġenza tagħhom?

F'paġna 13 tal-ħarġa numru 105 ta' dan il-*magazine*, seħibna, il-mibki, Nazju Abela, kien aċċenna għal dawn il-vizzjijiet koroh u laqat il-musmar fuq rasu meta qal hekk: "Hemm tliet kelmiet li qishom saru parti obbligatorja ta' min jieħu sehem f'xi diskussjoni. Dawn huma, **naturalment, ovvjament** u **bażikament.** Tkun qed tistenna tweġiba għal mistoqsija u, dak li jkun, jibda b'xi waħda minn dawn it-tliet kelmiet, anki meta, dak li jkun qed jgħid, la jkun naturali, la ovvju u wisq inqas bażiku. **Naturalment**," kompla jgħidilna seħibna, Nazju, "għalxejn ġieli ġbidt l-attenzjoni ta' min hu nkarigat għax, **ovvjament**, ma ħa ebda passi biex jitjiebu l-affarijiet peress li, **bażikament**, ma tistax issir diskussjoni mingħajr ma ninkludu dawn il-kliem!"

Maneriżmi huma xi ħaġa li l-bniedem jgħid, jew jagħmel, ripetutament, ħafna drabi, mingħajr lanqas biss ikun konxju li qed jagħmel hekk. Hawn min isostni li kelliem jagħmel dan biex jagħti ċans lilu nnifsu ħin biżżejjed biex jaħseb xi jkun ser jgħid wara; speċi ta' pawsa jew *time-out* lingwistiku. Li hu żgur hu li mhuwiex faċli li wieħed jaqta' dan il-vizzju tedjanti ta' min jaf kemm-il sena; anki jekk isir konxju tiegħu. Issa, ħa ngħid hekk. Sewwa? Nittama li taf x'inhuma maneriżmi. Qed tifhem? U, allura, emme, ser nieqaf hawn u sebaħ u dalam, insomma u dan. U barra bid-daqq u ġewwa biż-żfin, kienet tgħid ommi; Alla jaħfrilha! Tajjeb? Għax, wisq nibża', jiġifieri, li, fl-aħħar mill-aħħar, saħansitra, anki jien ser niddakkar. Mhux hekk? Imbagħad, nispiċċa biex nikkommetti d-dnubiet kollha li għamlu dawk li ġew qabli, *you know?* U, taf int, dan ma jkunx sewwa u xieraq, tajjeb u ta' saħħa għalina. Orrajt? Tkunu mberkin! U niżel b'saħna kbira minn fuq il-pulptu!



# TISLIBA Nru.119

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**

1. Ġibda tal-qalb (6)
5. Mudell mhux mirqum; Skeċċ (6)
10. It-televiżjoni Nazzjonali Taljan (3)
12. Storja ivvintata (5)
14. Babu; Baħnan (5)
15. Dan annimal mhux RĦAM (4)
16. *Criminal Investigation* (1.1.)
17. Raġel miżżewweġ li mititlu l-mara (5)
19. Tort; Ksur ta' ordni (5)
22. Resident (8)
24. Kull xorta ta' annimali żgħar (3)
25. Qisu l-istess (6)
28. Skorċa fil-wiċċ tal-ħalib imgħolli (5)
31. Orlando fl-aħħar tilef in-nota musikali (5)
33. Ċaħħad il-ħelsien; qafel fil-ħabs (7)
35. Użin ta' 28-35 gramm (5)
37. Nofs din il-muntanja fi Sqallija (2)
38. Żamma f'moħħu (6)
39. Dawra mar-ritmu tad-daqq (5)

**Weqfin:**

2. Sikta; Kalma (5)
3. Ħuta tal-ġens mugilidae; Mulett (4)
4. Ali baqa', izda ħabibtu ħawdet ma' nila (3:4)
6. Vaganza (5)
7. Faxx skur ta' tibjid (6)
8. Irrinforza (6)
9. Estrem; Konklużiv (6)
11. L-ewwel ittri tal-alfabet Malti (3)
13. Aċċetta; Approva (7)
18. Kubi magħmulin mis-sugu ta-tiġieġ (4)
20. Hena Poetika; Ferħ sublimi wkoll jekk mistħajjel (7)
21. Ġurnata (3)
23. Posposti; Mħollija għal darba oħra (9)
26. Kiefer; Qalbu iebsa (6)
27. Qaleb it-tarf li baqa' maħruġ tal-musmar (6)
29 Stat Amerikan mixtri mingħand ir-Russja (6)
30. Isem ta' waħda mit-tlett ibliet tal-Kottonera (6)
32. Aħna bit-Taljan (3)
34. Traditur (5)
36. Ġett kif jingħad bl-Ingliż (3)

Premju: It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 118 intrebaħ mis-Sur, G. Tanti, Marsaxlokk, Prosit!

---

Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 118

**Mimdudin:** 1. Qattus, 5. asfalt, 10. ant, 12. ombra, 14. mutur, 15. bram, 16. ta, 17. aspru, 19. nemel, 22. arretrat, 24. ali, 25. klikka, 28. basar, 31. frenċ, 33. bellusi, 35. parti, 37.un, 38. attent u 39. mqita.
**Weqfin:** 2. agata, 3. tram, 4. suttana, 6. sabta, 7. tellus, 8. żraben, 9. korner, 11. nut, 13. applaws, 18. dlik, 20. maltemp, 21. eli, 23. tabilħaqq, 26. aladin, 27. kabord, 29. rvinat, 30. tfajla, 32 ċar, 34. urtat, u 36. tut.





# Titwiliet Għawdxin

*Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex*

**L-Għolja taż-Żebbuġ**

Illum, nagħtu lemħa lill-ogħla raħal f'Għawdex, iż-Żebbuġ li, fil-fatt, huwa mifrux fuq żewġ għoljiet; dik Ta' Abram u, appuntu, Taż-Żebbuġ, fit-tramuntana. Ir-Ras tal-għolja titla' xi mija u ħamsin metru 'l fuq minn wiċċ il-baħar. Dwar l-isem, ma tantx hemm dubbji. L-istess bħal Ħaż-Żebbuġ, jirreferi għas-siġar li, minnhom, noħorġu ż-żejt li, sfortunatament, inbidlu ma' oħrajn ta' frott differenti.

L-ewwel referenza f'dokument Żebbuġi tmur lura għas-seklu ħmistax. Imma l-inħawi kienu abitati eluf ta' snin qabel. Infatti, instabu bosta oġġetti minn Żmien il-Bronż, prinċipalment, lejn Ta' Kuljat. Madankollu, kommunità mdaqqsa x'aktarx nassoċjawha mal-preżenza tal-Aragoniżi, konfermata bil-bini ta' kappella. Imbagħad, wasal il-ħolqien ta' parroċċa f'April tal-1688. Biex inkun għidt kollox, xi storiċi jargumentaw li l-"wegħda jew rabta" li għamel l-Isqof David Cocco Palmieri twettqet biss xi xhur wara.

Il-Knisja Parrokkjali timpressjonak bil-volum qawwi ta' rħam, jew aħjar, oniċe jew alabastru, li kien instab f'għalqa fir-raħal fin-naħa taċ-Ċaqra. Hija ddedikata lil Santa Marija u, biex niddistingwuha mill-Knisja Katidrali, flimkien mal-Assunta, inżidulha wkoll Sultana tas-Sema u tal-Art. Normalment, il-festa titulari ssir il-Ħadd ta' wara l-15 t'Awwissu u, allura, qrib it-tifkira liturġika ta' Marija Reġina.

Anki l-pittura tal-maġġur, li waslet għat-tielet ċentinarju, ma tillimitax ruħha għat-Tlugħ fis-Sema. Anzi, tissejjaħ l-Inkurunazzjoni. B'xi mod, il-kwadru (li kien inkurunat fl-1980) ifakkar fl-istil ta' Mattia Preti, imma, fil-fatt, ma tantx hu ta' livell għoli. Ta' min isemmi wkoll il-kwadru qadim "mirakuluż" tal-Kunċizzjoni, magħruf bħala "tal-Virtut", li kien it-titular tal-kappella qabel tkabbret għall-knisja li hemm fil-preżent.

Ovvjament, il-parruċċani jenfasizzaw il-vara titulari li nġiebet minn Marsilja fl-1863. Din l-għażla tal-kappillan tant intgħoġbot li parroċċi oħrajn iddeċidew li jakkwistaw il-vari tagħhom mingħand l-istess ditta Gallard ukoll. Statwi oħrajn jinkludu lil San Ġużepp, Santa Tereżina, il-Korp Sant ta' San Fortunatu, u l-Irxoxt. Interessanti l-istorja tas-sett għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira għax għamilhom darbtejn Wistin Camilleri li, nistgħu insejħulu l-Prinċep tal-Istatwarji Għawdxin. Dawk li kien għamel fl-1919, tħallew jispiċċaw u huwa tqabbad jerġa' jagħmilhom ħamsin sena wara. Jolqtuk il-kostumi tan-newl u l-unika Ċena bi tlettax-il persunaġġ fi gżiritna. Punt stramb hu li l-figura ta' Ġesù minn din il-vara għamlet xi snin tintuża wkoll għall-Għid!

Iż-Żebbuġin huma magħrufin sew għall-produzzjoni tal-bizzilla, l-insiġ u s-suf. Ħafna jassoċjaw liż-Żebbuġ mal-"għażżiela": għaġina bis-simbolu tal-isem ta' Marija li titbierek u titqassam f'Settembru. Dawn jiddendlu fid-djar biex jitħarsu mid-diżgrazzji. Skont testment minn kmieni fis-seklu tmintax, l-ewwel kappillan ħalla fondi biex jista' jinxtara d-dqiq meħtieġ kull sena.

Din il-Parroċċa Arċipretali hija qawwija ġmielha fil-purċissjonijiet u l-festi; ġibda li wasslet għal traġedja wkoll. Infatti, il-binja taċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika nqerdet meta n-nar li kien jinħażen hemm b'mod abbużiv sploda. Iċ-Ċirkolu reġa' nbena mill-ġdid u, illum, għandu diversi użi.

Għalkemm imbiegħda mill-pjazza tal-knisja, binja prominenti oħra hija Dar Stella Maris tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl (MSSP). Mibnija bħala novizzjat, kif ukoll bħala dar għall-mistrieħ tal-membri, din saret ukoll ċentru tal-irtiri. Barra minn hekk, il-kappella tagħha taqdi l-ħtiġijiet liturġiċi reliġjużi tal-kommunità tal-madwar.

Qribha sew, hemm l-iskola primarja, b'disinn li jġegħlek taħseb li nbniet reċentament fuq pjanti moderni. Insemmi żewġ istituzzjonijiet oħrajn li huma, it-tim tal-futbol (Żebbuġ *Rovers*) u banda, imsejħa sempliċement "Santa Marija", xi ħaġa li wasslet biex anki ġurnal lokali, saħansitra, assuma li hija responsabbli għall-festi fir-Rabat tal-15 t'Awwissu!

Nagħlaq billi ngħid li ċ-ċimiterju parrokkjali huwa mibni fl-għoli maqtugħ ftit mir-raħal u li l-Kunsill Lokali Żebbuġi għandu wkoll ir-responsabbiltà ta' Marsalforn. Imma, dan il-lokal, jixraqlu li nħallih għal darb' oħra.

# Pitturi famużi

*Kitba ta' Vincent Piccinino*



**Georges Seurat 1859 – 1891**

Georges Seurat kien pittur Post-Impressjonista u Neo-Impressjonista Franċiż li twieled Pariġi fit-2 ta' Diċembru tal-1859. Bħall-artist kontemporanju tiegħu, Vincent van Gogh, Georges Seurat ukoll miet qasir il-għomor; ta' wieħed u tletin sena biss; inqas minn van Gogh fil-fatt. Imma Seurat kellu żewġ differenzi minn van Gogh. L-ewwel nett, Seurat kellu ħajja kwieta u nieqsa mill-interess. Ma tantx issib aneddoti interessanti x'tirrakonta dwar ħajtu. It-tieni, Seurat ma pinġiex il-kwantità kbira ta' kwadri bħalma għamel van Gogh. Qed ninkludih f'din is-sensiela minħabba t-teknika innovattiva ta' tpinġija li ħareġ biha li huwa sejħilha 'kromoluminariżmu' imma li, fil-fatt, hija aktar magħrufa popolarment bħala 'pontiliżmu'.

Dak iż-żmien, għadd ta' xjenzati għamlu studji dwar il-kuluri. Wieħed minnhom skopra li, jekk tpoġġi żewġ kuluri qrib xulxin, meta tħares lejhom daqsxejn mill-bogħod, jinħoloq l-effett tat-tielet kulur. Hekk, ngħidu aħna, jekk tpoġġi l-aħmar u l-isfar maġenb xulxin, toħloq ukoll ċerta perċezzjoni ta' kulur oranġjo. Is-sejba ta' dan il-fenomenu sar il-bażi tat-teknika msejħa pontiliżmu mħaddma minn pitturi Neo-Impressjonisti bħal Georges Seurat.



Seurat kien jippreferi tejoriji aktar xjentifiċi ta' pittura billi, minflok joqgħod iħallat, pereżempju, l-aħmar mal-ikħal biex jottjeni l-vjola, juża kwantitajiet żgħar ta' kuluri puri (il-*prime colours*) biex, meta wieħed iħares lejn il-kwadru minn ftit tal-bogħod, fuq it-tila tinħoloq l-illużjoni ta' kuluri mħallta u anki ta' dellijiet.



Bl-użu ta' tikek żgħar ta' kuluri differenti ħdejn xulxin, Seurat wassal biex il-kuluri jitħalltu fil-għajn ta' min qed iħares lejn il-kwadru iktar milli l-kuluri jitħalltu fiżikament fuq il-paletta tal-pittur. Biex nagħtu eżempju ieħor, jekk tħares mill-qrib lejn il-kwadri ta' Seurat, tosserva li, jekk huwa jrid jagħtik impressjoni ta' lewn aħdar, huwa jagħmel dan billi jpoġġi ħafna tikek żgħar sofor u koħol maġenb xulxin. U mhux bilfors fl-istess kwantitajiet indaqs. Anzi, jekk irid aħdar iktar ċar, jagħmel iktar tikek sofor milli koħol filwaqt li, jekk irid aħdar iktar skur, jagħmel iktar tikek koħol milli sofor. U mhux bilfors żewġ kuluri biss lanqas imma kien joħloq *shades* u *tones* differenti tal-kuluri li jrid, u anki dellijiet, biż-żieda ta' tikek ta' lwien oħrajn u anki permezz tal-iswed u tal-abjad.



B'dan il-mod, nistgħu ngħidu li Georges Seurat ta dimensjoni matematika lill-arti tal-pittura.

Kif għidna, Georges Seurat ħalla din id-dinja ta' età pjuttost żgħira. Huwa miet Pariġi wkoll, fejn twieled u għex, fid-29 ta' Marzu tal-1891, meta kien għad kellu biss wieħed u tletin sena. Il-kawża tal-mewt tiegħu mhijiex għal kollox ċara u, fil-fatt, kienet attribwita għal diversi kawżi bħal meninġite, numonja, anġina jew anki difterite.